# Ħarsa Lejn il-Kaċċa fil-Mellieħa ta' l-Imgħoddi

## - Memorji ta' min għex żmien li għeb -

© Eric Bonanno B.Ed. (Hons.)

**Introduzzjoni:**

Hekk kif ġie lura mill-quddies tal-kaċċaturi, ħsibijietu kienu ġa telqu qablu għal fuq il-mansab. Qas kien għadu niżillu l-kafe' biċ-ċikwejra li kienet saħħnitlu Mari, li ma bediex jarma ħalli jitlaq għall-gamiem.

Dik il-biċċa ħobż mixwija fuq il-kuċiniera ta' bi tnejn niżżilha f'kolp u għoddu qagħdlu kollox fuq l-istonku bil-ħatfa, tant li kellu jieħu boqqa ilma biex iwaqqaf is-sulluzzu.

Mari kienet ġa ramatlu l-bhima mal-karettun.

It-tikmix f'wiċċ Vitor spikka bħax-xquq fix-xagħri malli qabbad is-sulfarina u biha xegħel il-lampa tal-pitrolju li kellu mdendla mad-dliegħ ta' wara tal-karettun.

Id-dija dawwlet l-inħawi kif għolla l-ftila ftit iżżejjed tant li anke ġibed l-attenzjoni ta' Fina, il-ħmara ġwejda li minn twelidha kienet qasmet ħajjitha ma' tiegħu. Għal mument dawwret rasha lejh, iżda malajr reġgħet dendlitha quddiemha kif kienet qabel.

Mill-istess fjamma, Vitor kebbes il-pipa u b'subgħu l-werrej, oħxon bil-kallu ta' l-imgħażqa, għafas it-tabakk imġammar aktar 'l isfel fil-qiegħ tal-ħawt.

Ġamra li ħarbet minn postha malajr spiċċat mirfusa taħt il-pala ta' riġlu.

Ġibed żewġ nifsijiet 'il ġewwa u belgħa d-duħħan sħun kważi kollu. L-arja mtliet bir-riħa ħelwa tat-tabakk li kien ikabbar hu stess fir-raba' tiegħu.

Reġa' daħal ġewwa imma ma damx wisq ma feġġ 'il barra. F'idu l-leminija kien qed iżomm is-senter ta' b'kanna u l-ċ-ċurniena tax-xibka. Ma' qaddu kellu mdawwar ċintorin mimli skrataċ li kien ħadimlu ħuh.

F'idu l-oħra kellu ġewlaq tat-tibna li minnu bidet ħierġa riħa taqsmek ta' ħobż biż-żejt u t-tadam imqadded, imħawwar biż-żebbuġ, basal tal-pikles u ġbejniet tal-bżar.

Ħatnu kien għadu kif tah flixkun imbid tal-muskatell u ħadu miegħu ukoll.



Għal dir-riħa Fina reġgħet ħarset lura imma bħal ħasset li għaliha, ħarrub, tfief u silla biss kien hemm, u għal darb'oħra reġgħet daret 'il quddiem irrassenjata.

Il-ġewlaq poġġieh bl-akbar galbu fil-benniena ta' taħt il-karettun u s-senter rabtu maġenbu b'biċċtejn lenza tal-qanneb marbutin mal-lasta tal-lemin.

Bil-lajma kollha, Vitor dar minn quddiem Fina u ħall ir-riedni minn mal-marbat li kien hemm fejn ir-remissa, ġibidha kemmxejn 'il barra, u għalkemm aktar rieqda milli mqajjma, din mill-ewwel bidet titħarrek.

Tlikki, tlikki telqilha lejn il-Qammieħ u sakemm waslu qal ħames posti rużarju u ma nafx kemm-il *Pater Noster* għal ruħ il-mejtin tiegħu.

Malli waslu fejn id-dura rabat lil fina taħt il-ħarruba u beda jarma l-mansab. Kien għadu qed ibexbex imma b'Vitor iħuf 'l hemm u 'l hawn mal-mansab kollu, għadd ta' għekierex[1] spiċċaw ma rawx ix-xemx tiela.

Kieku kien jippreferihom stuffat milli mgħaffġin taħt saqajh, imma x'tagħmel: hekk kellu jkun.

Kif lesta poġġa bilqiegħda fid-dura u waqt li kulltant beda jħarrek għall-kirjanza, baqa' jistenna xi teftifa gamiem tinżel lejh ħalli jaqleb. Tajr ieħor kellu ċ-ċomb lest għalih.

Min jaf kemm-il darba wħud minn missirijietna esperjenzaw episodji bħal dan?

Il-kaċċa minn dejjem kienet parti minn ħajjet dawk ta' qabilna, b'differenza li minflok b'mgħodija taż-żmien, kienet tassew bżonn biex ittaffi xi ftit mill-ġuħ li missirijietna spiss kienu jħabbtu wiċċhom miegħu.

Li fl-imgħoddi l-Mellieħa kienet għanja fil-kaċċa mhix xi ħaġa ġdida. Kemm jekk kienet kaċċa bit-tir għat-tajr, kemm jekk bin-nemes għall-fniek slavaġ[2], u kemm jekk kaċċa għall-bies, dan kien diġa magħruf sa minn mijiet ta' snin ilu.

F'manuskritt tal-1499[3] nsibu jissemma "*Għoxx*[4] *il-Bies*", fl-inħawi ta' Selmun. Fl-1647, l-istoriku ta' L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, il-Kommendatur, Gian Franġisk Abela[5] jsemmi post ieħor bejn Selmun u Għajn Żejtuna, bl-isem ta' "*Għoxx il-Ħida*". Iż-żewġ postijiet jissemmew bi prominenza għall-kaċċa tal-Bies li kien jinqabad biex jingħata lill-membri tal-familja rjali dominanti fuq Malta f'dawk iż-żminijiet, kif ukoll lil xi membri tan-nobbilta'.

Dik ma kienetx it-tip ta' kaċċa mħaddna minn nies komuni u għalhekk dawk li kienu jgħixu fil-Mellieħa kienu jaqgħu fuq il-kaċċa tat-tajr u tal-fenek selvaġġ - kaċċa li kienet iddestinata għal ġol-borma.

Ngħaddu issa ħalli nagħtu ħarsa ħafifa lejn uħud mill-armi wżati minn dawk ta' qabilna.[6]

**L-armi tan-nar użati għall-kaċċa:**

L-użu ta' l-arma tan-nar għall-kaċċa huwa antik ħafna hawn f'Malta, biss l-għodda mhux minn dejjem kienet bħal dik li nafu llum.

L-ixkubetti li kienu jintużaw fil-bidu kienu pari ma' dawk użati fid-difiża militari, imma kienu ta' kalibru iżgħar.

Għad fadal diversi familji li għad għandhom xkubetti taż-żnied li nieshom kienu jużaw għall-kaċċa.

Il-mekkaniżmu tal-grillu (Fig. 1) kien tali li jħabbat biċċa żnied ma' pjanċa tal-ħadid hu u jinżel bis-saħħa, u b'hekk jitfa' x-xrar 'l isfel[7]. Billi bejn il-porvli kkargat u barra kien ikun hemm kanal dejjaq u ħawt li kienu jimtlew bil-porvli huma wkoll, malli x-xrar kien jaqa' fuqu il-porvli ta' barra, dan kien jieħu n-nar u l-fjamma tidħol f'ħakka t'għajn għal ġol-porvli kkargat fil-kanna. Malli dan kien jieħu n-nar kien jispara 'l



Fig. 1. Il-Mekkaniżmu tal-Grillu ta' Xkubetta taż-Żnied[8] (i.e. *Flint-Lock Musket*)

barra l-balla jew iċ-ċomb b'saħħa kbira.

Li kien jiġri fil-kanna, u li għadu jiġri anke fl-armi tal-lum, hu li l-porvli kien jieħu f'daqqa waħda u waqt li jitfa' għadd ta' gassijiet 'il barra, kien itella' temperatura għolja ħafna (Fig. 2.). Din is-sħana kollha kienet iġġiegħel 'ill-gassijiet jespandu f'daqqa waħda, tinħoloq pressjoni għolja fil-kanna u l-ballal jintefgħu 'l barra bis-



Fig. 2. Porvli jaqbad fl-arja. Il-fjamma bajda turi t-temperatura għolja li tintlaħaq waqt il-ħruq. ġ E. Bonanno.

salt.

Intant, din it-tip t'arma kellha problema kbira kontriha. Billi parti mill-porvli kien ikun miftuħ għall-arja, jekk il-kaċċatur kien jinqabad fix-xita u tixxarablu, ma kienx ikun jista' jagħti tir ieħor billi l-porvli mxarrab ma jaqbadx.

Lejn l-1870-90 beda dieħel l-użu t'arma aħjar – dik bil-grillu bil-kapsa[9] (Fig. 3.).

L-avvanz li kellha din l-arma kien li twarrab għal kollox l-użu taż-żnied, u x-xrar kien jifforma fil-kanna biss. Għalhekk setgħet tintuża fi kwalunkwe temp.

Il-mekkaniżmu tal-grillu ta' din l-arma kif ukoll l-ikkargar tagħha għadu jiftakarhom tajjeb Indri Mifsud, *Ta' l-Għadira*[10], u tani dawn id-dettalji.

Il-mekkaniżmu kien li grillu tal-ħadid kien jitniżżel b'saħħa fuq kapsa (tar-ram aħmar jew isfar) li kienet titwaħħal qabel ma kien jingħata t-tir. Fiha kien ikun hemm pressata kwantita eżatta ta' xi sustanza[11] li tarmi x-xrar malli tieħu daqqa. Il-kapsa kienet titpoġġa fuq speċi ta' musmar b'żewgt ibżieżaq. Dan il-musmar kien ikun imtaqqab u kien iservi ta' nkwina wkoll. Kif il-grillu kien jinżel fuq il-kapsa u din kienet titgħaffeġ, is-sustanza ta' ġo fiha kienet tinqaras, tisplodi u tarmi x-xrar li kien igħaddi minn bejn iż-żewġt ibżieżaq u jqabbad il-porvli



Fig. 3. Il-mekkaniżmu ta' l-ixkubetta tal-grillu bil-kapsa. (i.e. *Percussion Cap Musket*) ġ E. Bonanno.

kkargat fil-qiegħ tal-kanna.

Dawn l-ixkubetti kienu jkunu kkargati billi fil-kanna l-ewwel kien jintefagħlhom kejl eżatt ta' porvli. Dan kien jiġi ppressat sewwa sal-qiegħ b'virga twila tar-ram (biex ma jinqarasx u jieħu n-nar.) Wara kienet tiddaħħal biċċa xkora żgħira u tingħafas fuq il-porvli bil-virga. Fuq din kienet titpoġġa biċċa sufra tonda bħala takka u fl-aħħar kien jiddaħħal iċ-ċomb li kien ikun tond boċċa u kien jitgħatta wkoll b'takka oħra biex ma jinxteridx.

Din is-sistema ta' l-ikkargar hija l-istess bħal dik li kienet tintuża fl-arma bil-grillu taż-żnied.

Nimmaġina li aktar m'għadda żmien kien hemm min sperimenta b'kanna iqsar u b'ħafna balal żgħar, u ta' daqsijiet differenti wkoll, biex b'hekk fetaħ it-tir u seta' jolqot fuq medda akbar. Dettalji ta' meta u kif beda jsir dan f'Malta, jew jekk din is-sistema ġietx introdotta minn barra, s'issa għadni ma sibtx.

Nafu li għal mijiet ta' snin, gżiritna sfat maħkuma u misluħa mill-barranin, u billi dawn dejjem ħasbu aktar għal żaqqhom, il-faqar u l-ġuħ kien iġiegħel lil missirijietna joħorġu għall-kaċċa ħalli jitimgħu lill-ħafna ħluq li kienu jħallu warajhom id-dar.

Wieħed ma jridx jinsa li fl-imgħoddi ftit kienu dawk il-familji li setgħu jieklu l-laħam kull meta kien ikollhom l-aptit. Għalhekk, il-kaċċa kellha tpatti għal dan in-nuqqas.

Sa mal-wasla tal-Kavallieri f'Malta, mill-ewwel bdew isiru kontrolli fuq il-kaċċa li setgħet tiġi maqbuda u missirijietna spiss xellfu diffrejhom mal-liġi minħabba f'hekk (Fig. 4).

Wieħed bizzejjed isemmi l-miżuri ħorox li l-Granmastru Ximenes (1773-1775) kien ħa u li wasslu għal għaks kbir fuq il-poplu u saħansitra għall-irvell tal-qassisin fl-1775.[12]

B'liġi li ħarġet fl-14 ta' Frar 1773, Ximenes kien għamar li titwaqqaf il-kaċċa



Fig. 4. Parti minn inċiżjoni antika tas-seklu 18 fejn jidher kapural ta' l-Ordni ta' San Ġwann jammoni kaċċatur għax qabad fenek.

għall-fenek salvaġġ u għall-ħamiem.

Ximenes għalaq b'xatbiet il-postijiet kollha tal-kaċċa. Ħadd ma seta' juża xkubetti, nases jew klieb tal-kaċċa, jisraq il-bajd tal-ħamiem jew jaqta' l-ħaxix li jieklu l-fniek; u dan taħt piena ta' priġunerija ta' tliet snin bħala qaddief fuq ix-xwieni ta' l-Ordni !

Liġijiet bħal dawn ta' Ximenes, u bħalhom, anke tal-Granmastru Pinto, ta' qablu (1741-1773), ma waqqfux għal kollox li ssir kaċċa bl-armi tan-nar għax għal uliedhom u għal ġuħ li ġieli kien jaqa' fuqhom, missirijietna baqgħu jisfidaw u jissograw.

**Il-Kaċċatur Mellieħi f'dawn l-Aħħar 150 Sena:**

Minħabba l-kobor u t-tipi differenti t'ambjenti li jinsabu fil-Mellieħa, ma jistax jonqos li fl-imgħoddi kienet issir ħafna kaċċa u nsib f'dawn l-inħawi. Ix-xagħri, il-widien u l-irdumijiet ta' l-Aħrax, ta' fuq

Mellieħa kienu joffru lok għal kull tip ta' kaċċa, kemm tat-tajr u kemm tal-fenek.

Ħafna kaċċaturi kellhom ir-raba' tagħhom imma oħrajn kienu jikru wkoll. Kienu anke jħallsu l-kera jew parti minnha bil-gamiem u s-summien maqbud. Billi fl-imgħoddi l-għan primarju tal-kaċċa kien biex titma' 'l-familja, anke l-ommijiet kienu jagħtu sehemhom u bosta kienu namrużi sewwa. It-tajr ma kienux jaqbduh b'kapriċċ.

Minħabba l-ħajja aktar kalma ta' l-imgħoddi, u l-fatt li għadd kbir minn ta' qabilna kienu bdiewa jew gabillotti, dan ippermetta wkoll biex ħafna gawdew dan id-delizzju b'mod li llum wieħed anqas biss joħolmu.

Kif ser naraw, il-kaċċaturi u n-nassaba tal-Mellieħa trawmu sewwa, u dan sforz li kaċċa għal ħaġa jew oħra setgħet issir, kważi, kważi, is-sena kollha.

L-aktar kaċċa li kienet issir kienet għall-gamiem, għas-summien (Fig. 5) u l-fenek, għalkemm għal tajr ieħor kienet issir xi ftit ukoll. Għall-gamiem u s-summien, kienu joħorġu l-aktar minn dħul Marzu sa nofs Mejju, kif ukoll minn Settembru sa l-aħħar ta' Jannar, meta kien jiġi l-beċċun tal-gamiem ma' tan-namra, waqt li għall-fenek kienu joħorġu minn Ġunju sa Diċembru.



Fig. 5. Il-gamiema (fuq) u s-summiena (taħt), l-aktar tajr maqbud fl-imgħoddi.
© E. Bonanno.

Il-qbid l-anqas ma kien bħal tal-lum. Qabda ta' ħamsin gamiema u aktar f'għodwa waħda ma kienetx ħaġa rari. Meta Salvu Cutajar, *Il-Basli* (1904-1966) qaleb fuq 300 gamiema f'għodwa waħda, jew Ġużeppi Gauci, *Iċ-¬imċem* (1892-1957) għamel qabda ta' 90 gamiema, huma kienu, u ma kienux dawn biss l-anqas.

Minn kumment ta' Ġużi Gauci, iben Ġużeppi *ċ-¬imċem*, dan joħroġ ċar u tond.

*"Meta kelli għaxar snin, għodwa waħda morna nonsbu għal xi l-erbgħa ta' filgħodu fi tliet postijiet, wieħed Tal-Ħarq, l-ieħor tas-Sellun u l-ieħor tar-riħ isfel. L-akbar nasba li qbadna kienet f'Tal-Ħarq. Filwaqt li konna nieħdu biċċa ħobż, kienu x'id-disgħa ta' filgħodu qbadt nilgħab bil-gamiema tat-taħrik u l-Pa' qalli: "Ħalliha dik il-povra gamiema!", u f'daqqa waħdad dort lejn il-Pa u għidtlu: "Ħares lejn is-sema x'inhu nieżel! u dak tajjar il-ħobż minn idejh u bdejna llestu forsi tinżel xi teftifa. Malli waslet fuq rasna, f'kemm ili ngħidlek daħlet ġol-mansab u x-xibka ma stajniex inżommuha b'dik il-qalba. X'ħin għoddejnihom sibna 49 gamiema."*

Pietru Gauci, *il-Pirrex* (1919-2003) darba qabad 61 summiena f'jum wieħed u darb'oħra f'jumejn qabad 100 buqrajq.

Kaċċata ta' 15-il fenek f'darba waħda minn Karmnu Grima, *It-Trux* (1876-1957) jew dik t'20 fenek minn Ġanni Grima, *Id-Duda* (1915-1991) saret ukoll. Fejn hu dak iż-żmien illum? Illum nifirħu anke għall-ftit li dak iż-żmien anqas biss ma kienu jaħlu l-ħin iħarrkulu.

Fi kliem Ġammri Vella, *Taz-Zajna*, *"Dak li qabel kont taqbdu f'jum wieħed, illum 'qas taqbdu fi staġun sħiħ !"*

Kaċċa kontinwa fl-istess raħal minn Marzu sa Diċembru għal xi ħaġa jew oħra mhux kullħadd seta' jgawdiha, u għalhekk mhux ta' b'xejn li mill-Mellieħa ħarġu fost l-aqwa (jekk mhux tassew l-aqwa) kaċċaturi u nassaba (Fig. 6.)

Kif diġà ssemma', kien hemm evoluzzjoni fl-armi tan-nar użati għall-kaċċa, imma bla dubju l-aqwa żminijiet ġew ma' l-invenzjoni ta' l-isnieter li jisparaw l-iskrataċ.

**Il-wasla ta' l-isnieter bl-iskrataċ:**

Fl-ewwel snin tas-seklu li għadda bdew deħlin is-snieter ta' b'kanna waħda (ta' "b'kanna") imma wara bdew joħdulhom posthom dawk ta' b'żewġ kanen ħdejn xulxin, u b'żewġ grillijiet ("ta' b'żewġ"). Għall-bidu, meta kien ikollok wieħed ta' b'żewġ kien veru jkollok biex tiftaħar.

Nuqqas li kellhom is-snieter ta' b'kanna kien li ma kellhomx *safety lock* u kienu jkunu ta' periklu serju meta kienu jitħallew ikkargati u jserrħu ma' xi ħajt tas-sejjieħ, lesti għal li jista' jitfaċċa. Dak li jkun, biex jaqilbu u s-senter jieħu waħdu mal-waqa' ma kien irid xejn, bħalma fil-fatt ġieli ġara.

Difett li sofrew minnu s-snieter ta' b'żewġ hu li ġieli bl-iskoss ta' l-ewwel tir kien jieħu t-tieni grillu u kien jagħti skoss qawwi ħafna lill-kaċċatur, tant li ġieli kien hemm min weġġa' sewwa ma' l-isparatura.

Indri *ta' l-Għadira* semmili wkoll, u kważi b'sinjal ta' dieqa, it-telfa ta' waħda minn dawn l-isnieter ta' b'żewġ.

*"Kenna waħda, Kenna waħda, kienet sbejħa, kien għadni niftakar! Kellha par kanniet sbieħ; u kienu jaħbuha. Aħna kellna rdum; tal-Madonna ngħidulu – tal-Kunċizzjoni. Hemmhekk kien tagħna u taz-zijiet, u kienu jaħbuha taħt il-ħajt, hekk, taħt ħajt, u dak li jkun kien imur, jew iz-*



Fig. 6. Uħud minn nassaba u l-kaċċaturi msemmija
(Ritratti riprodotti bil-permess ġentili tal-familjari tagħhom)

*zijiet, insomma, jew xi ħadd minnhom – igħid "Ha mmur naqbad fenek!" – għax qisek sejjer ġo bitħa kien l-irdum. Iwa; u kienu poġġewha hemm, imbagħad darba minnhom kien għamel xi terremot, xi ħaġa u niżel, pumm! u radamha."*

Għalkemm kien hawn min l-iskrataċ li juża kien jixtrihom lesti, ħafna kienu jagħmluhom huma stess. Magna sempliċi ta' l-idejn kienet tippermetti li dan isir b'faċilita'. Biss, xorta kienu jġewwsu, u meta kien ikollhom kienu jaqsmuhom qishom bir-raxin – tant kuljum, għax ma jibqagħlhomx sa l-aħħar tal-passa. Kienu joqogħdu b'sebgħa għajnejn li b'kull tir iniżżlu izjed minn tajra waħda wkoll.

L-iskrataċ vojta kienu jinxtraw għalihom, bħalma kienu jinxtraw il-porvli, iċ-ċomb u t-takki. Wieħed li kien ibiegħhom daqs 60, 70 sena ilu kien Ġammri Borg, *ir-Rabti*, li kellu l-ħanut tiegħu fil-pjazza tal-Knisja.

Ġammri *z-Zajna* u oħrajn jirrakontaw li l-ammont ta' porvli wżat fl-iskartoċċ kien jitkejjel b'biċċa għodda msejjħa l-kejjiela[13] (Fig. 7) li kienet qisha pipa tal-metal bil-qiegħ tagħha jista' jitla' u jinżel u miżmum b'vit apposta. Il-kejl kien ikun fi *drams*[14].



Fig. 7. Kejjiela użata madwar 100-50 sena ilu. © E. Bonanno.

Minn ġol-kejjiela l-porvli kien jitferra' fil-qiegħ ta' l-iskartoċċ li fil-biċċa l-kbira kien jinxtara lest bil-kapsa. Ta' min igħid, imma, li kien hemm min kien jerġa' juża l-istess skrataċ diġa sparati u imma kien ibiddlilhom il-kapsa.

Fuq il-porvli kien jitpoġġa ċirku tond ta' kartun oħxon jew sufra u fuq dan, kejl ċomb. Fuq iċ-ċomb kienet titpoġġa t-takka, ċirku ieħor tal-kartun, u hawn kien ikun lest biex jingħalaq. Min seta' jħallas kien jagħmel takki tad-drapp tas-suf, bħal feltru[15], li kienu tajbin ħafna.

Dari, it-tubu ta' l-iskartoċċ kien ikun tal-kartun hu wkoll. Dan ħlief għall-qiegħ tiegħu li fil-bidu nett kien ta' l-azzar, għalkemm wara kien beda jsir tar-ram pur ("*Copper*") biex titnaqqas il-possibilta' ta' qris tal-porvli. Ir-ram isfar ("*Brass*") daħal aktar tard.

Il-qiegħ tar-ram (jew azzar) kien jitqiegħed fil-qafas tax-xelluġ ħdejn il-manku l-wieqaf. Dan il-manku kien jitressaq lejn il-lemin sakemm għonq l-iskartoċċ kien imiss mal-qafas tal-manku tal-lemin; dak li seta' jdur.



Fig. 8. Magna żgħira (ca. 20ċm) li kienet tintuża għall-ikkargar ta' l-iskrataċ bl-idejn (ca. 1900) (Xellug: bla skartoċċ; Lemin: bl-iskartoċċ) © E. Bonanno.

F'dak il-punt, bil-manku tax-xellug jingħafas lejn il-lemin, u b'dak tal-lemin jibda jiddawwar, billi minn ġewwa l-manku tal-lemin kien ikollu bħal snien żgħar, dan kien joħloq barma 'l ġewwa f'tarf għonq l-iskartoċċ u b'hekk kien jispiċċa' magħluq.

Ħafna kienu jqabbdu 'l sħabhom li kellhom il-magna biex jikkargawlhom l-iskrataċ għalihom.

Indri *ta' l-Għadira* jgħid: "Min kien ikollu l-magna ġieli kont tgħidlu, "Kkargali mija". Kien ikellek ħamsin skartoċċ qisek għandek id-dinja ta'! . . . Imma qed ngħidlek, dak iż-żmien 'kk tispara tir, 'kk jista' jkun flok waħda trid taqbad tnejn 'kk jista' jkun ta'! Ma kontx tispara kull darba fuq waħda ta! Trid tgħid lumenu li jekk ikunu tlieta trid taqbad tnejn minnhom." Bla dubju, dan huwa kumment li jixhed dixxiplina tremenda u rażan għaqli f'missirijietna.

Eżempju ċar ta' dan joħroġ minn kumment ieħor ta' Ġużi, iben Ġużeppi *ċ-Ċimċem*.

"Darba oħra konna qegħdin naħsbu biex immorru lejn id-dar, għax konna għajjenin ħafna u l-gamiema tat-taħrik bdiet tiċċaqlaq. Naraw teftifa għaddejja u niżlet fit-tarf tax-xbiek u ma ċċaqalqetx. Il-Pa' qabad is-senter u spara fuqha u l-ebda gamiema ma tħarrket u mort nara x'ġara. Jien bl-eċitament għajjat għajta għax rajt il-ġamiem kollu mejjet. B'dak it-tir li spara qatel 32 gamiema!"

Fil-Mellieħa kien hemm numru żgħir ta' rġiel li kienu anke jagħmlu ċ-ċomb huma stess, għalkemm dan qatt ma kien ta' kwalita bħal dak tal-fabbrika.

Fra Kristinu Borg, iben Ġanni *tal-Qastni*, jirrakkonta kif iċ-ċomb kienu jagħmluh mill-kanen ta' l-ilma u s-serpentini tas-sinkijiet billi dik il-ħabta kienu għadhom isiru taċ-ċomb.

Kienu jibdew billi b'imqass taż-żingu kienu jaqtgħu il-qiegħ ta' xi patalott tal-landa u kienu jħallulu ġenb għoli madwar 2-3 pulzieri[16]. "B'musmar kienu jagħmlulu ftit toqob imbiegħdin minn xulxin u joħolqu speċi t'għarbiel.

L-għarbiel kienu jpoġġuh kemmxejn fil-għoli u taħtu kienu jagħmlu ħawt mimli bl-ilma kiesaħ. Iċ-ċomb kienu jdewwbuh f'landa oħra fuq in-nar, jiġbru ftit minnu f'kuċċarun, u jferrgħuh fl-għarbiel. Hemm kien jitħalla jqattar għal ġo l-ilma biex jiksaħ u jagħqad fl-istess waqt."

L-akbar difett f'din is-sistema kien li billi ċ-ċomb ma kienx jintefa' minn għoli kbir, il-qtar ma kienx ikollu ż-żmien jittondja biżżejjed qabel ma jmiss ma' l-ilma. Minħabba f'hekk, it-titjira ta' dan it-tip ta' ċomb qatt ma kienet tkun perfetta u prevedibbli bħal dak magħmul kif suppost[17]; kien jiftaħ ħafna bħala tir.

Kif semma' Ġammri Sciberras, *Il-Blacky*, ħafna kienu jew jixtruh mingħand Ġammri *r-Rabti* jew jordnawh mingħand Karmnu *taċ-¬omb*, minn Birkirkara. "Dari konna neħdulu ċ-ċomb maħlul ċappa waħda; konna niġbruh. Missieri kien jaħdem ma' tad-dawl, tal-gvern, u kien jakkwista dawk il-bicciet żgħor u jimla ġo l-ixkejjer. Imbagħad kont tiżnu u tgħidlu: "Għandi, ma nsemmu xejn, għoxrin ratal, u sekkett ċomb, sekkett ċomb konna nghidulu, jesa sitt artal, kent ittih tmintax irbiegħi[18] duk, u jaqtagħlek ratal tal-ħmieġ, u kien iħellu u jtik sitt artal, sitt artal, hux; kien ikun ġo sekketti tax-xkejjer żgħor. Tgħidlu xi trid il-kwalito', tmienja, sebgħa, *sei*; id-daqs. Duka kien isir bl-għeriebel. Jibda jkellu l-għeriebel iduru u x'ħin jitfa' l-maħlul igħaddi minn ġo fihem, u biċċa jgħaddi minn ġo rqiq, u skond id-daqs tat-toqob, u jaqa' għal ġor-ramel biex ma jiċċatjux. Għax iċ-ċomb 'kk imiss ma' l-ilma maħlul dak itir.

Mhux kull tir huwa xurta. Ma nsemmu xejn, tajra tal-priża dik riedet ċomb oħxon, hux, dejjem, għax tkun b'saħħitha iżjed; il-gamiema mod, u s-summien l-irqaq ċomb."

Igħidu li l-Malti jsib tarf ta' kollox, u dan jidher li hu minnu għax fil-fatt meta l-militar Ingliż kien beda jikkarga l-bombi tiegħu

bil-*Cordite*[19], kien hemm min sab tarf kif iżarma l-bombi, jaqla' l-*Cordite* u jerġa jpoġġi kollox f'postu. Wara, dan il-*Cordite* kien jiġi kkargat fl-iskrataċ minflok il-porvli.

Każ simili irrakkontahuli l-istess Ġamri *l-Blacky*. Mistoqsi jekk il-Melliħin qattx kienu jużaw il-*Cordite*, Ġammri wieġeb hekk. "Iva, ħafna. Missieri nisimgħu jgħid. Darba kien qed jgħum id-Delli u kien qed jgħodos għar rizzi u sab stoċċ deqshekk (pied u nofs) u ġih f'moħħu li xaħuġa tal-bumbi. Kien hawn skoll li l-Ingliżi ppruvaw itajjruh u wieħed ma ħox, u kien fih miktub fuqu *Grey Cotton*, u du x-xih mill-ewwel qabadha, ħu naqra minnha, kienet qisha *cotton,* hu, u pupp ! tuh sulfarina, pxxt!! u ħudet hux. "Eħ" qul, "din għas-senter tajba", mill-ewwel. Ma kienx ikellhem hu. Ikkarga l-iskruteċ biha u ma' l-ewwel skartoċċ li kkarga tajjarlu s-senter; xkattulu. Tuħ ħafna. Allura kien jiflaħ hux, u beda jnaqqas, inaqqas inaqqas li ġiebu daqs zokk ta' sufarin, ara kemm kien qawwi to, titfaħħielu fuq il-kaps u kienet tkun biżżejjed. Kien jibroma b'subajh u jwaddabha fuq il-kaps. Ara x'saħħa biex itajjar l-iskolli mill-baħar. Duk kellu biex ikisser il-Mellieħa duk iż-żmien. Ma weġġax għax ġietu tajba to. Kien tajjarlu z-zewġ kanen. Missieri kien Toni *ta' Buttuna*."

Ta' min igħid li l-iskrataċ ta' barra kienu diġa bdew ġejjin Malta anke minn qabel l-aħħar gwerra. Ġammri *l-Blacky* jiftakar l-iskrataċ tal-marka **Charles Hayless** li kien jara għand zijietu. Hu fatt ukoll li fl-aħħar gwerra, kull min kellu s-senter tiegħu kien ingħata kaxxa skrataċ biex ikun jista' jiddefendi lilu nnifsu f'każ ta' żbark mill-għadu f'xi xtajtiet madwar il-Mellieħa.

Ġammri *z-Zajna* jiftakar dawk tal-marka **Alley**. Igħid imma, li l-biegħa kienet imħallta. Ikompli: "Għas-summien konna nisparaw dawk li konna nagħmlu aħna, għax iċ-ċomb kien ikun naqra ħafif iżjed peress li s-summien kien itir fil-viċin, u b'ta' barra konna nisparaw għall-gamiem u għal tajr ieħor.

Il-ħażen ta' missirijietna kien jispikka anke fl-ilbies li kienu jilbsu meta kienu jmorru għall-kaċċa jew għall-insib. Il-kaċċaturi mill-ewwel għarfu s-siwi tad-drapp tal-khaki (Karkin, għal bosta anzjani) u kienu ħafna dawk li kkwistaw xi qmis jew ġakketta wżata mingħand is-suldati stazzjonati f'*Fort Campbell*, f'Selmun, Għajn Tuffieħa u fl-*Għadira barracks,* biex dak li jkun ma tantx kien ikun jidher qalb il-ħaxix u l-blat tax-xagħri u l-irdumijiet. Kienu anke jakkwistaw xi pezza mingħand Ġanni *tal-Ħbula* li kien jiġi minn barra raħal u kien ibiegħ fuq il-parapett.

**Duri, Giren u Kmamar:**

Fl-imgħoddi, ħafna kienu jgħaddu ġimgħat sħaħ igħixu l-Aħrax. Dawk li kien ikollhom ir-raba' kienu ta' sikwit imorru hemm bil-familja b'kollox. Spiss in-nisa kienu jintefgħu fuq il-mansab u l-irġiel jerħula għall-kaċċa. Allura kienu jibnu d-duri, il-giren u l-kmamar. Id-duri kienu jinbnew bħala moħba għan-nassaba waqt li l-giren kienu jintużaw kemm għall-ħażna ta' xi għodda kif ukoll fejn wieħed seta' jistrieħ jew jistkenn mill-qilla tat-temp.

Mibnijin mill-gagazza u l-ġebel li kienu jsibu fl-inħawi, u f'forma ta' kmamar baxxi, id-duri servew u għadhom iservu ta' moħba tajba ħafna għan-nassaba Melliħin. Fil-fatt, għadna nsibu minnhom imxerrdin mal-Mellieħa kollha. F'ċerta rqajja fuq id-Dahar jidhru spissi u kważi ħdejn xulxin.

Għad-duri ma kienx jeħtieġ xi għerf biex tibnihom imma l-giren (Fig. 9), li huma karatterstika spikkanti u tant ħelwa tax-xagħri Mellieħi, kienu jridu sengħa kbira. Meta l-giren bdew jintelqu u minflokhom bdew jinbnew il-kmamar, ħafna bdew ifittxu l-kenn tagħhom għalihom u għall-



Fig. 9. Waħda mill-giren f'Wied Musa.
© E. Bonanno.

familthom billi kienu ta' sigurta' aħjar u akbar. Bogħod mill-giren u kamrithom, il-kaċċaturi kienu jfittxu l-kenn ta' l-għerien fl-irdumijiet.

F'kumment ħelu imma kollu verita', Ġammri *z-Zajna* qalli li l-ħin jistkennu fil-kmamar kienu jgħadduh billi l-ewwel kienu jneħħu l-gamiem u t-tajr maqbud u waqt li kienu jsajru xi ħaġa biex jitrejqu "konna niltaqgħu xi tnejn jew tlieta nirraġunaw u nigdbu kemm nifilħu !"

Min jaf li kieku jista' jitkellem il-ġebel kemm stejjer u avventuri kien jista' jtarrfilna?

**It-Tajr Maqbud:**

Tajr spiss ikkaċjat bis-snieter kien is-summien. Mijiet kbar servew biex flimkien mal-gamiem maqbud bl-insib sfamaw il-familji kbar li kien ikollhom missirijietna.

Tajra oħra mfittxija għat-tjubija tagħha kienet il-gallina. Il-passa tal-gallina kienet ittul madwar xharejn, qisu minn nofs Ottubru sa ġimgħatejn qabel il-Milied.

Kaċċatur li ser jibqa' msemmi għall-qbid tal-gallina bla dubju kien ¬ensu Tabone, *il-Balilla* (1930-1989).

Għal dan ix-xogħol ¬ensu kellu klieb u mira tajbin ferm, tant li darba anke qabad ħdax-il waħda f'jum wieħed. L-għoxrinijiet u tletinijiet qabadhom f'kemm-il staġun ukoll. Ir-ronda tiegħu ta' sikwit kienet tieħdu lejn l-Irdum il-Qawwi u l-Qammiegħ.

Il-gallina kienet apprezzatha ħafna fl-imgħoddi bħala tajra tal-mejda, tant li bħala ħlas tal-qbiela tar-raba' bosta gabillotti kienu jħallsu bil-gallina jew jippreżentawha flimkien mal-ħlas. Bħall-gallina, il-gammiema u s-summiena, bosta tajr ieħor kien jispiċċa f'xi borma fuq il-kenur jew il-fuklar. Anke t-tajr tal-priża li kien jinqabad, spiss kien jissajjar. Billi dan kien tajr imdaqqas, kien jispiċċa msajjar il-forn. Ma' dawn inżidu l-imlievez u l-alwett kif ukoll it-tajr isfar u d-daqquq: insomma, xejn ma kien jeħlisha. Tista' tgħid li dak iż-żmien, kullma Alla kien jibgħat mis-sema u jinqabad, id-destin tiegħu kien li għada, pitgħada ried jispiċċa jimla żaqq xi ħadd.

Ġammri *l-Blacky* igħid li fl-imgħoddi anke ċ-ċief kien jissajjar, allavolja huwa għasfur li jarmi riħa tinten minħabba ż-żejt tiegħu. Qal li anke 60-70 sena ilu kien hemm min diġa kien joħroġ għalih minn fuq il-baħar.

Għall-kaċċa kienu jintużaw il-klieb ukoll. Kien hemm min kien idur fuq dawk magħrufin l-aktar bħala l-klieb tal-kaċċa ta' Malta, waqt li oħrajn kienu jżommu l-klieb tal-fenek.

Il-klieb tal-kaċċa ta' Malta spiss kienu jintużaw għall-kaċċa tat-tajr, waqt li dawk tal- fenek - isimhom magħhom - kienu jintużaw l-aktar għall-kaċċa tal-fenek. Fl-intervisti li għamilt, kull kaċċatur li kellimt semmieli li kienu jżommu ta' l-anqas żewġt iklieb kull wieħed, ta' xi razza jew oħra. Kienu jgħallmuhom ma jdurux fil-bogħod ħalli t-tajr li jimmarkaw ma jtajjruhx meta jkun għadu mhux għat-tir. Ħafna kienu jgħallmuhom kif iġibulhom it-tajr imwaqqa'.

L-ewwel kienu jgħallmuhom iġibu lura ġebla mitfuha 'l bogħod. Wara kienu jrawwmuhom fuq biċċa ċarruta u fl-aħħar fuq tajra mejta. Kienu jagħtuhielhom ixommuha l-ewwel ħalli jdarruwhom l-irwejjaħ tat-tajr ukoll. Klieb tajbin ħafna fil-Mellieħa qatt ma kienu neqsin.



1. Kalamenti; 2. lastiku, jew rbit għall-mażżri (skond il-mansab); 3. Xibka; 4. Sienja għall-mażżri (skond il-mansab; 5.¬agħakija; 6. Ħawt għall-ġoga tat-taħrik;7. Bejta tar-ruffjana; 8. Ġoga bir-ruffjana; 9. Taħrika tar-ruffjani; 10. Taħrika taċ-ċagħakija; 11. Friegħ tal-ġbid; 12. Lasti tax-xbiek; 13. Furkett tal-lasti fir-rażżi; 14. Marbat; 15. Ħolqa tal-lasta; 16. Dura tan-nassab; 17. Galletta għall-gamiema; 18. Virga; 19. Arbulett; 20. Injam; 21. ¬appetta; 22. Kappun tal-gamiema; 23. gamiema tat-taħrik; 24. Nassab; 25. Ħolqa. *(Nota: Xi ismijiet u dettalji jistgħu jvarjaw.)*

Fig. 12. Dehra mill-ajru ta' mansab tipiku tal-gamiem: © E. Bonanno.

Kaċċaturi bħal ¬ensu *l-Balilla* u Ġużeppi Vella, *Is Slambi*, (1909-1986) baqgħu imsemmijin għall-kaċċa tal-gallina u tas-summiena li kienu jagħmlu bil-klieb.

Għajnuna kienu jsibuha wkoll bl-użu ta' l-isfafar li kienu jagħmlu huma stess.

Indri ta' *l-Għadira* jiftakar li kien hemm min kien iżarma l-qiegħan tar-ram ta' l-skrataċ, jaqlagħlhom il-kapsiet u jdaħħal wieħed fl-ieħor. Kienet suffara li tinżamm bejn is-snien u x-xufftejn. Kien hemm min kien veru jinqala' biex bil-logħob b'ilsienu joħroġ għadd t'għajtiet ta' l-għasafar. Sfafar għas-summien, l-alwett u t-tellerit kont issib ta' spiss.

**Avventuri, Inċidenti u Kurżitajiet:**

Ma jistax jonqos li delizzju bħall-kaċċa ma jġibx miegħu xi perikli wkoll, speċjalment għall-fatt li peress li l-kaċċatur spiss kien ikun waħdu, is-solitudni fl-irdumijiet setgħet tkun il-kaġun ta' diżgrazzji kbar.

Grajja partikulari għadda minna Pietru *l-Pirrex*. *Il-Pirrex* kien għadu jgħodd 31 meta f'Mejju ta' l-1950 qammarlu jmur għall-fenek. Mar fuq il-Mina imma ħin minnhom, l-iskoll li kien qiegħed fuqu ċeda taħtu u hu spiċċa jitgerbeb u jinġarr fit-tifrik. Meta reġa' ġie f'tiegħu, tkaxkar kif seta' għalkemm muġugħ, ħareġ mit-tifrik mill-irdum u tela' t-taraġ tal-Qammiegħ fejn iltaqa' ma' Salvu *l-Basli* u ħutu. Dawn kienu pronti wassluh s'għand is-sinjur tat-Torri l-Aħmar. Minn hemm dan waslu sal-parroċċa. Bl-għajnuna t'Alla u tal-Madonna, l-isptar sabu li kellu biss ksur f'idejh.

Każ-ieħor kien dak ta' Ċensu *l-Balilla*. Kien f'Novembru għal nofs l-istaġun tal-Gallina meta ¬ensu kien jinsab fix-xagħri fl-inħawi tat-Taqtijiet, idur bit-tlitt iklieb li kellu.

Kien għadu kemm qabad Gallina waħda meta ħin minnhom ħass uġigħ kbir f'sidru li xeħtu mintulu fl-art. Mitluq kif kien, il-klieb bdew iduru miegħu u jilagħqulu wiċċu. Il-Madonna riedet li ¬ensu jerġa' jistejqer. Magħdur kif kien irnexxilu jaqbad mal-kullar tal-klieb li wżaw saħħithom kollha u ġibduh minn fejn kien. Fl-inħawi ltaqa' ma' Karmnu Vella, *il-Ketitu*. Dan, malli ra x'kien ġara telaq jiġri u ġab l-għajnuna ftit wara.

Insemmu wkoll meta Karmnu Grima, *It-Trux* kien ma' niesu jduru għall-fenek bil-lejl fuq l-Aħrax tal-Madonna. Ħin minnhom Karmnu ma deherx iżjed. Meta dawk li kienu miegħu marru jfittxuh sabu li kien waqa' f'ħarq[20], imma għall-grazzja t'Alla ma kien ġralu xejn.

Mhux kull każ spiċċa tajjeb bħal dawn li għadna kemm rajna u sfortunatament, inċidenti serji kien hemm ukoll.

Ikkargar ħażin ta' l-iskrataċ wassal biex kien hemm min tilef parti mill-pala t'idu jew għama wkoll.

Sfortunatament, każijiet fejn anke kien hemm min tilef ħajtu waqt li kien għall-kaċċa kenna wkoll.

F'każ ta' mewta naturali, Żaren Borġ, *Tal-Banker*, kaċċatur minn Burmarrad li għex ma' familtu fil-Mellieħa, kellu jieħu l-aħħar nifs hu u kien dieħel lura fid-dura jerfa' l-qabda li kien għadu kif għamel. Alla għoġbu jsejjaħlu fil-kwiet tad-dura.

Minbarra sorpriżi koroh bħal dawn imsemmija, għadd ta' kaċċaturi kellhom sorpriżi li ferrħuhom ukoll. Fil-ħamsinijiet uħud issorprendew lil sħabhom meta rnexxilhom iwaqqgħu tajr rari bħal, Ajkli, Graw u Palettuni.[21] Dan it-tajr spiċċa bbalzmat u miżmum bħala trofew.




Fig. 11. Il-warda ta' l-irjieħat. © E. Bonanno.

Hawn ta' min jikkummenta kemm kien ikun f'loku l-ftaħir ta' missirijietna jekk kien jirnexxilhom iwaqqgħu xi tajr li ma tantx kien jidher bħalu, meta wieħed iżomm f'moħħu li huma kienu jagħmlu l-iżjed għat-tajr tal-mejda. Għal kull tajra bbalzmata għadhom jirrakkontaw l-istorja tagħha bid-dettalji kollha.

Interessanti wkoll li sa l-1944 kien għadu jidher iċ-ċawl fil-Mellieħa. Ġammri *z-Zajna* jsemmi li ċ-ċawl kien spiss jidher jirgħa fuq l-Aħrax għad li filgħaxija kien ipoġġi fl-inħawi tal-Mistra. Ġanni Borg, *tal-Qastni* kien ighid li anke ġieli bejjet fl-irdum ta' Ras in-Nixxiefa.

Toni Sciberras, *ta' Buttuna* kien igħid li ċ-ċawl kien inqered b'mard bħall-ġidri. Għalkemm aktarx Toni kellu r-raġun, fuq dan jidher li m'hemmx qbil. L-ornitoloġi Sultana u Gauci[22] jgħidu li xi bdiewa Melliħin kienu qalu li l-aħħar ftit ċawl kien inqatel mis-suldati stazzjonati fl-inħawi, waqt li ieħor kien tefa' l-ħtija fuq il-kaċċaturi nnifishom.

**L-Insib:**

Tip ta' kaċċa oħra favorita ma' jkun



Fig. 10. Wieħed mill-imnasab qodma ta' fuq id-Dahar. © E. Bonanno.

missirijietna kien l-insib, speċjalment l-insib għall-gamiem; delizzju li kien jiġi pprattikat tista' tgħid mal-Mellieħa kollha.

In-nassab kien jibda billi jipprepara l-art li kien ser jonsob fuqha. Spiss xi blat kien jitqatta', għalkemm kien hemm min kien iħallih jekk ma kienx ikun għoli wisq. Għalkemm l-art mhux bilfors kienet tkun invellata, u mnasab bil-pendil kien hemm bosta, biss kienu jieħdu ħsieb li fejn kien jeħtieġ kienu jwittuh bil-ħamrija u jballtuh.

L-imnasab ta' l-imgħoddi kienu jvarjaw l-aktar bejn is-6 u 8 iqjiem tul.[23] (Fig. 10).

Fattur importanti ħafna fl-għażla tal-post fejn kienu jintramaw l-imnasab kienu l-irjieħat (Fig.11) In-nassab ma kienx jaqbad u jibda jwitti l-art bl-addoċċ. Għarfien tajjeb ta' l-irjieħat kien jippermettilu jieħu deċiżjoni għaqlija dwar fejn, f'liema angulatura u lejn liema naħa kellu jħares il-mansab. Dawn kien deċiżjonijiet kienu li jiddeterminaw il-qbid li kien jiġi wara.

L-istruttura bażika ta' l-imnasab tal-gamiem kienet tkun bħal dik ta' Fig. 12.

L-ixbieki li kien jinħadmu għall-imnasab ta' l-imgħoddi kienu għall kollox differenti minn tal-lum. Biss, biss, kienu jinħadmu bl-idejn minn lenża rqiqa tal-qanneb, u spiss minn nassaba nnifishom. Meta x-xibka kienet tkun lesta, billi din kienet tkun bajdanija, allura kien jeħtieġ li tinżeba'.

Għall-bidu kienu jgħallu l-qxur tar-rummien fl-ilma sa ma jerħi l-kulur u wara kienu jgħaddsu x-xbiek fih għal madwar sagħtejn, tlieta. F'dan is-suġu, ix-xbiek kien jieħu lewn safrani.

Fi żminijiet aktar qribna beda dieħel iz-zappin u x-xogħol beda joħroġ aħjar.

Ġammri *z-Zajna* jgħid li z-zappin kien jiġi bħala trab f'laned daqs tmintax irbiegħi[24]. Dan kien jitħawwad bil-mod ġol-misħun sa ma jinħall kollu. Kien hemm anke min kien iżidlu ftit żibeġ tal-kolla tal-mastrudaxxa, kemm igħin biex jgħaqqad u z-zappin ma jitfarfarx minn fuq ix-xbiek.

Ix-xbiek kien jitniżżel fiz-zappin maħlul u sħun għal xi sagħtejn jew tlieta sa ma kien jieħu l-kukur sewwa. Kien jiġi ħamrani fil-kannella u jxaqleb lejn lewn il-ħamrija. Problema li kellu z-zappin kienet li bix-xemx u ż-żmien kien jibda jitfi l-kular. X'tagħmel hux? Terġa' tibda kollox mill-ġdid.

Ix-xbieki kienu jitwaħħlu bejn żewġ lasti ta' madwar qasba[25] tul. Tulhom, bejn iż-żewġ lasti kienu jgħaddu żewġ lenez tal-qanneb ukoll; il-kalamenti.

It-tarf ta' ġewwa tal-lasti kien ikollu bħal furkett li kien sierraħ fuq rażżi (tal-ħadid) imwaħħlin fl-art li kienu jservu ta' fus ħalli l-lasti jduru fuqhom. Il-kalamenti kienu



Fig. 13. Bejta tar-ruffjana minn ġo mansab tal-gamiem. © **E. Bonanno.**

jgħadduhom minn ġo ħoloq fit-tarf ta' barra tal-lasti u jorbtu kollox ma' mrabat fl-art, waħda fuq kull tarf tax-xibka. Meta l-frieghi tal-ġbid kien ikun irtirat, dan kien iġiegħel il-lasti jitilgħu 'il fuq u 'l ġewwa u b'hekk ix-xbieki kienu jinżlu u jingħalqu fuq xulxin bit-tajr maqbud taħthom. Ir-rikba tax-xbiek fuq xulxin kienet tkun ta' madwar nofs tul ta' lasta.

Minħabba l-passa kbira tal-gamiem li dak iż-żmien kienet tersaq lejn xtutna, ma kienetx ħaġa rari li l-qlib tax-xbieki kien jinradd lura billi l-gamiem tant kien jinżel magħqud, kif kien jissejjaħ, ballun, li bid-daqqa li kien jagħti x-xbiek minn taħt kien jerġa' jifthu. Każ bħal dan jirrakkontaħ għal darb'oħra Ġużi, iben Ġużeppi *ċ-¬imċem.*

"Darb'oħra fil-gwerra bdew jibbumbardjaw il-kamp ta' l-Għadira u konna mwerwrin, u kien għadna ma qbadnix gamiema waħda. Konna nonsbu tas-Sellun u f'daqqa, waħda ma nafux minn fejn, bdejna naraw xi teftifa. Bdejna naqilbu, u daqqa naqbdu għoxrin, u spiss bdejna naqilbu ix-xbiek, u kollox dak inhar qbadna mija. Mhux l-ewwel darba li reġa' raddilna x-xbiek lura għax kienet tkun teftifa kbira."

Biex il-gamiem kien jinġibed għal ġol-mansab kien jintuża t-taħrik bil-ġoga. In-nassab kien jibni bħal bejtiet tal-ġebel fil-ġnub tal-mansab (Fig. 13). Ġo kull bejta kienet titpoġġa ġamiema biex tiġbed l-attenzjoni lejha u tqarraq b'dawk li jkunu qed itiru fl-inħawi. Kienet tissejjaħ ir-ruffjana.

Gamiem pjuttost lvent u perfett, u li kien ikun magħżul apposta, kien jiġi marbut minn sieq































u għal mal-ġoga b'biċċa ġilda rqiqa msejjħa x-xkiel. Ir-ruffjana[26], kienet tistrieħ fuq galletta magħmula minn biċċa kanvass miżbugħa u mdawwra ma' ċirku tal-fildiferru. Ix-xkiel kien igħaddi minn ġo toqba f'nofs il-galletta u kien jintrabat mal-virga. Kien hemm anke min għall-bidu ta' Frar jaqlagħlu l-pinen ħalli sa żmien l-insib kienu jkunu telgħulu l-ġodda, li allura kienu jkunu aktar perfetti. Kien ikun hemm min iqasqashomlu ħalli jaqgħu weħidhom u l-gamiem ma jbagħtix.

Minflok ix-xkiel minn saqajhom kien hemm min beda jimbrigahom. Dan ifisser li kienu jagħmlulhom bħal xedd bl-ispag madwar spallejhom u li kien jgħaddi wkoll minn taħt ġwinħajhom. B'dan il-mod, jekk il-gamiema kienet taqa' minn fuq il-galletta kienet tkun tista' terġa' titla' weħidha u mhux tiddependi fuq in-nassab bħal fil-każ tax-xkiel mar-riġel.

Ġużeppi *ċ-¬imċem* kien anke joqgħod iħarrġu; itellgħu u jniżżlu fuq subajh, taparsi l-galletta tal-ġoga. Fl-istess ħin kien jara kemm kienu jkunu fuq tagħhom jew le.

Biex ma kienx ikun hemm tkagħbir żejjed u bla bżonn, il-gamiem tat-taħrik kien jitlibbes kappun tal-ġilda fuq rasu, sa mil-lejl ta' qabel l-insib. Il-kappun kien jinħadem fuq forma tal-kartun u l-ġilda kienet tinħiet wara li tkun tħalliet tirtab għal xi ħin fl-ilma. Biex il-gamiem kien jidraħ kienu jibdew ilibbsuhulhom ta' sikwit minn qabel ukoll.

Biex il-gamiem tat-taħrik ma jitkagħbarx waqt li kien jittieħed fuq il-mansab u lura, dan kien jitwassal fil-gabbjuni. Kull gabbjun kien ikun qisu bħal qafas ta' l-injam u miksi kollu b'kanavazz abjad, qisu xarten. L-aktar komuni kienu jkunu daqs pied u nofs tul u tnejn wisa' u pied u nofs ieħor fond.[27] Merfugħ, kien jinżamm f'guva apposta għalih li ma jkissirx xi pinna.

Il-ġogi bil-gamiem kienu jitpoġġew jew fil-bejtiet tar-rufjani fuq il-ġnub ta' l-imnasab jew fiċ-ċagħakija li kienet tinbena tul nofs il-mansab. Iċ-ċagħakija kienet medda twila ta' ġebel poġġut fin-nofs, u kultant kważi tul il-mansab kollu. Fiċ-ċagħakija u qrib id-dura, in-nassab kien jagħmel bħal ħawt fejn kien ipoġġi l-gamiema tat-taħrik ħalli meta kien jaqa' x-xbiek din ma kienetx tintmess u ma kien jigrilha xejn. Irrid ngħid li fuq id-Dahar rajt mansab b'żewġt iħwat fiċ-ċagħakija wkoll.

Il-gamiema ta' ġo ċ-ċagħakija ma kienetx tintagħżel lventa daqs ir-ruffjani, anzi riedet ikun pjuttost irpużata. Kienet tintagħżel li kif titniżżel il-ġoga kienet tagħlaq ġwinħajha ħalli dak li jkun qed itir fil-qrib jaħseb li poġġiet u jinżel dritt għal warajha. Iċ-ċagħakija kienu jagħmluha tal-ġebel għax il-gamiem huwa tip ta' tajr li jżomm ġol-blat u jpoġġi fuq il-ġebel biex jistrieħ.

Il-mekkaniżmu tal-ġoga kien jippermetti li kif in-nassab jirtira l-ġbid tat-taħrika, il-ġoga titla'. X'ħin titniżżel, il-li

gamiema kienet tibda tferfer ġwinħajha u tiġbed l-attenzjoni tal-gamiem itir fl-inħawi.

Meta l-gamiem kien ikun għadu filbogħod, in-nassab kien iħarrek b'tal bejtiet u malli jersqu eqreb kien iħarrek b'taċ-ċagħakija. Biex ir-rufjani ma jidhrux iżjed meta kienet titħarrek dik taċ-ċagħakija, il-ġnub tal-bejtiet kienu jkunu mtellgħin ftit 'il fuq ħalli jgħattu l-gamiema warajhom. Billi din kienet tkun mgħammda, allura kienet toqgħod bi kwieta f'postha. B'din is-sistema l-gamiem kien jiġi mqarraq u jintwera l-medda tal-mansab fejn fil-fatt kellu jinżel.

Qabel ma l-gamiem tat-taħrik kien jittieħed fuq il-mansab dan kienu jisquh u jitimgħuh. Interessanti l-fatt li biex jitmagħħom, in-nassab kien jaqbadhom waħda, waħda, u waqt li jifthilhom munqarhom b'idejh, kien iżoqqhom bilqamħ jew qaraboċċ billi jimbuttaħ b'ilsienu għal ġo ħalqhom. Dan għax billi kien ikun bil-kappun la kien ikun jista' jiekol u l-anqas jixrob waħdu. Kien jibqa' sejjer hekk sakemm jimlilhom il-ħawsla.

It-tmiegħ tal-gamiem b'dan il-mod kien jeħtieġ it-tattika, u mhux kulħadd kien jirnexxilu. Marija Vella, bint Ġużeppi *ċ-Ċimċem* tgħid li missierha, minkejja li kien nassab gwapp, kien iqabbad lil Ġużeppi *l-Banker* għax hu kien jispiċċa jonfohom minflok jitmagħħom.

Għal qlib aktar b'saħħtu kien hemm min beda juża sistema bil-mażżri. Għal dan il-għan kienet titħaffer spiera rettangulari ftit wara l-lasti ta' quddiem iddura. L-ispiera kien ikun fiha madwar jarda tul, pied u tmienja wisa' u massebgħa/tmien piedi fond.[28] Fuq kien ikollha żewġ tarjoliet. Żewġ mażżri tqal magħmulin minn knatan jew piżijiet taċ-ċomb jew ħadid kienu jitqabbdu mal-lasti min-naħa tal-ħoloq (ara Fig. 12) u l-irbit tagħhom kienu jgħadduh minn fuq it-tarjoli. Malli n-nassab kien jirtira l-ġbid, li allura kien ikun aktar iebes minn ta' mnasab normali, il-mażżri kienu jaqgħu u jiġbdu warajhom il-lasti b'saħħa tremenda.

Indri ta' *l-Għadira* li kien jonsob mas-Sur Ġuż Bugeja[29] igħid hekk fuq il-mansab bil-mażżri. "Allaħares ma kontx tqabbad il-mażżri sewwa għax jekk jegħelbuk jerġgħu jitfgħuk lura b'kemm timxi. Stajt tweġġa' bihom ukoll. Mal-qlib, bil-ħoss li kien jagħmel kien iwerwer iddinja."

Is-Sur Ġuż kien min ta' l-ewwel (jekk mhux l-ewwel wieħed ukoll) li uża s-sistema tal-mażżri; sistema li malajr bidet tiġi kkupjata. Dawra fuq id-Dahar tixhed b'dan bl-ispejjer li wieħed għadu jsib.[30]

Meta beda dieħel il-lastiku missirijietna mill-ewwel għarfu s-siwi tiegħu u bdew jarmaw l-imnasab tagħhom bih. Kienet sistema li rnexxiet ħafna speċjalment meta l-qlib kien ser ikun kontra r-riħ. Għalhekk kont issib min jarmalek naħa waħda biss bil-lastiku ħalli xibka xorta tkun tista' titla' u tinqaleb fir riħ meta dan kien ikun ġej min-naħa ta' kontra l-qalba.

Vantaġġ ieħor li kellhom l-imnasab bil-lastiku bħal tal-mażżri kien li meta kien jagħmel għalih xi ballun gamiem dan ma kienx iroddu lura bid-daqqa kif ġieb u laħaq, u għall-anqas ħafna mit-tajr kien jinqabad xorta waħda. Bill-lastiku kien dejjem b'wisq anqas perikoluż minn tal-mażżri.

Il-gamiem li kien jinqabad kien jinżamm fi xkejjer imtaqqbin ħalli ma jisħonx sa ma jitwassal lura u jintefa' golgallinari. Bħala ikel kienu jagħtuh qaraboċċ.

F'idejn in-nisa, il-gamiem kien jinbidel f'naqra brodu ddoqq l-iskotti. Is-summien anke torti jew moqli kienu jagħmluh. Biss bħal dejjem, xorta kont issib min kiek jagħmel negozju ma' min ma kienx ikollu. *Iz-Zajna* jiftakar li gamiema kienet tinbiegħ sold u nofs[31] waqt li s-summien, sitta[32], sold jew sold u nofs, skond il-qbid. Minbarra l-bejgħ kien isir ħafna tpartit ukoll.



Fig. 14. Il-kirjolin (dan, bil-bużżieqa tal-lastiku). © E. Bonanno.

Mistoqsi dwar kif kien isir l-insib għas-summien bix-xibka Ġammri *l-Blacky* wiġibni hekk. "L-insib tas-summiena bix-xbiek[33] kien isir b'mod ieħor minn tal-gamiem. Dik mhux jistennewha u jeqilbulha, dik to. Dik imorru, jisimewh ifaqqa', għax hu s-summien ir-raġel biss jinqabad, li jfaqqa, għax imbagħad il-kirjolin; krikk! krikk! krikk! krikk!, duka mara. Imma mbagħad iqiegħedulu mara oħra f'gaġġa ġieli, vurdieri. Duk umbagħad jarmaw ix-xibka, dik jifirxuha fuq iż-żergħa, fuq il-qemħ u hekk, u s-summien iduru lejh. L-ewwel iressqu bil-kirjulin, imbagħad x'ħin tħessu hi tibda tkerkirlu, hu, u hu jiġi jintafa' fuq ix-xibka. Allura s-summienu għandu waħda, li biex itir irid jagħti d-daqqa. Allura peress li jiġi joqgħod fuq ix-xibka saqajh jiġu jidħlu fix-xibka u x'ħin jiġi biex jagħti s-salt biex itir, itir filvojt hu, u jmur jaqbdu b'idu hekk, hu."

Billi s-summien raġel dak iż-żmien talpassa kien ikun bin-namra, is-summiena kienu jpoġġuhielu taħt ix-xibka qalb iż-żergħa ħalli bl-għajjat tagħha kienet tniżżlu 'l hemm. Malli kien isib ruħu fix-xibka, u ma kienx ikun jista' jerġa' jinqata' kien jibda jitħabat tant li kien saħansitra jimbroga lilu nnifsu fil-malji tax-xibka.

Il-kirjolin (Fig. 14.) kien biċċa għodda tajba ħafna għall-insib tas-summien. Is-suffara kienu jonqxuha minn biċċa qasba waqt li l-bużżieqa kienu jħituha minn biċċa ġilda. Aktar lejna bdew jużaw il-lastiku billi dan aktar jobbdi x'ħin jinżel u għalhekk jerġa' jieħu l-qagħda tiegħu malajr.

Il-kirjolin kien jindaqq billi dak li jkun jagħti daqqiet qosra fuq il-bużżieqa ta' l-istrument.

Mellieħi li baqa' msemmi bħala dilettant kbir tax-xibka kemm għas-summien u kemm għall-gamiem kien Salvu Gauci, *In-Naqru* (1914-1999). Kont tneħħilu l-kappell fejn kien jidħol l-użu tal-kirjolin. Jingħad li tant kien jinqala' jdoqqu, li s-summien kien kappaċi jressqu sa ħdejh fid-dura bil-kirjolin biss. Ħiltu kien anke juriha meta kien jagħmel xi qabda tajba bix-xibka fuq iż-żergħa, bil-kirjolin biss u mingħajr mara tat-taħrik.

Kien hemm ukoll dawk li għall-ħabta tar-rebbiegħa u l-ħarifa kienu jarmaw l-imnasab għall-għasafar ta' l-għana (li kienu jirreferu għalihom sempliċiment bħala 'l-għasafar'.) Kien hemm diversi postijiet tajbin għall-insib ta' l-għasafar, fosthom l-inħawi ta' Selmun, ta' Torri Ciantar, u Qasam Barrani.

L-aktar għasafar li kienu jinqabdu kienu l-vrieden, ġojjini, sponsuni, griedel, ortolani, apparelli u ekri.

Persuna msemmija ħafna għall-insib ta' l-għasafar ta' l-għana kien Ġużeppi Debono, missier Dun Mose' Debono. Dan Ġużeppi kien devot ħafna tal-Madonna, hekk li din id-devozzjoni kien iġorrha miegħu anke fuq il-mansab. Tant hu hekk, li meta Ġużeppi u wliedu kienu jkunu qed jonsbu flimkien, mhux darba u tnejn malli kien jersaq xi gardell jew xi wieħed taż-żebbuġ lejn il-mansab tagħhom kien jitlobhom jingħaqdu miegħu fit-talb ħalli jirrikorru għall-għajnuna tal-Madonna biex jaqbduh. X'eżempju nobbli u sabiħ li żżomm 'il-Madonna miegħek f'kull ħin u f'kull mument tal-ħajja !

Meta kienu jonsbu għal ta' l-għana, il-malja tax-xbiek kienet trid tkun iżgħar minn tal-gamiem għax inkella l-għasfur kien jirnexxilu joħroġ. Barra minn hekk, minnflok ruffjani fil-bejta kienu (u għadhom) jużaw gabjetti bl-għasafar ġo fihom li kienu jitpoġġew jew fuq speċi ta' torrijiet baxxi magħmulin minn xi erba' ġebliet tas-sejjieħ, jonkella jdendlu l-Dak

gaġeġ ma' xi biċċa njama imwaħħla f'tarf il-mansab, u aktarx fuq xi ħajt tas-sejjieħ. Dawn kienu jsejjħulhom il-plieri. Anke ċ-ċagħakija kienet tkun iqsar sewwa minn dik f'imnasab għall-qbid tal-gamiem.

Għat-taħrik, il-ġoga kienet tkun virga jew fergħa ta' zokk, ferm irqaq minn dik użata għal tal-gamiem, u l-għasfur kienu jorbtuh minn siequ ma' tarf il-virga. Ma kienx ikollu kappuni fuq rasu. Il-lasti kienu iqsar u x-xibka irqaq b'malja iċken ukoll ħalli l-għasafar jinżammu taħtha.

Wara l-qabda, in-nassab kien irid iġorr kollox lura. Kien jistiva kollox bil-kwiet u kif jasal id-dar kien jitlaq l-għasafar jew f'gaġeġ jew f'xi guva jew gallinar.

Ħafna kienu jixtru l-gabjetti u l-gaġeġ lesti, imma bosta kienu jagħmluhom huma stess u kienu jġibuhom tassew sbieħ. Kien fihom biċċa xogħol ġmielha għax it-titqib għall-vireg kien isir kollu bix-xifa. Żgur li ħafna għadhom jiftakru l-gaġeġ bil-kexxun għall-iskalora u l-bieqja ta' l-ilma stannjata f'forma ta' satal ċkejken. Kienu jsaħħruk imżewqin biż-żibeġ u l-*wires* ikkukuriti.

Kienu jgħidu li għall-ħabta tal-Qaddisin kollha kien ikun l-aqwa għall-għasafar ta' l-għana, għalkemm l-istaġun kien jiftaħ madwar nofs Ottubra u jagħlaq għal nofs Novembru.

F'din il-passa tal-ħarifa kienu jinqabdu sponsuni, griedel, vrieden, ġojjini, ekri, apparelli, alwett u kultant anke xi tnejn taż-żebbuġ. L-ewwel li kien jidher kien l-isponsun u wara jiġu l-bqija ta' l-għana u għal nofs l-istaġun jidhru l-griedel.

Minn nofs in-novena tal-Milied u kultant anke sa Frar kienet tgħaddi passa oħra ta' l-għana. Dawn ta' l-għana kienu jagħlqu f'Marzu bil-wasla tal-ġojjini tar-rebbiegħa. Tgħidx kemm kienu jkunu sbieħ b'dak l-aħmar qisu bid-demm qed iqattar minn bejn ir-rix.

**Insib bin-nases:**

Tip ta' nsib ieħor li kien komuni ħafna kien dak bit-trabokki għall-pitirrossi jew għal xi wieħed taż-żebbuġ. Kien hemm ukoll l-insib għall-għammiela tal-bejt u l-insib bil-pala tal-bajtar għall-bilbla.

It-trabokk tax-xibka, li kien magħruf ukoll bħala 'tal-kampnar', ilhu ħafna jintuża u kien hemm kemm b'xibka waħda u kemm bi tnejn (Fig. 15).

Biex jinqabad l-ewwel pitirross, kien hemm min kien jagħmel biċċa bajtra ħamra jew nofs rummiena fil-kampnar imma kien hemm ukoll min kien jagħmel biċċa mera żgħira.

Billi l-pitirross huwa għasfur territorjali u ġellied ħafna, malli kien jara r-rifless tiegħu fil-mera jew l-aħmar tal-frott, kien jibda jsaffar it-tisfira partikulari tiegħu ta' theddida: zikk! zikk! zikk! zikk! zikk! Kif ma kienx jara moviment mill-frotta, jew jinnota l-ġiri u l-qbiż fil-mera, billi għalih dan kien igħoddu bi sfida, kien jattakka lil 'dak li kien qed jisfidah', u spiss kien jispiċċa maqbud fix-xibka.

Minħabba t-tisfira partikolari tiegħu, kif in-nassab kien jinduna f'liema siġra kien ikun intasab il-pitiross li ried jaqbad, allura kien jirsaq inkiss, inkiss, u jpoġġilu t-trabokk taħt dik l-istess siġra.

Mhux l-ewwel darba li attakkaw tnejn f'daqqa u kienu jinqabdu t-tnejn.

Maqbud, kienu jitimgħuh skalora jew xi xagħat. Kien hemm min kien iżommlu anke xi għaxar snin ħaj għandu. Karatteristika nteressanti tal-pitorross hi li meta jħammeġdan dejjem jagħmel fl-istess post fil-gaġġa. Minħabba f'hekk kien itella' bħal ċint żgħir fil-gaġġa jekk din ma kienetx titnaddaf ta' spiss.

Kien hemm ukoll it-trabokk u t-trabokk mara li kienu jgħidulhom ukoll 'tal-faqqatura'.

Ħafna drabi dawn kienu jagħmluhom in-nassaba stess imma kienu jsibu għall-bejgħ għand *ir-Rabti* wkoll. Dawn kienu jkunu speċi ta' gaġeġ tal-fidiferru.[34]

L-aktar li kienu jintużaw kienu għal taż-żebbuġ, għax billi dan hu għasfur b'saħħtu ħafna, faċilment kien jaqta' l-malji tax-xibka u jaħrab minn trabokki tat-tip tal-kampnar.

Kien hemm tip ta' trabokk li fin-nofs kien ikollu gaġġa bl-għasfur fiha u qafas ieħor b'bieba bil-faqqatura fuq waħda jew iż-żewġ naħat.

Imma l-aktar interessanti kienet it-trabokk mara li kultant kienet tissejjaħ trabokka, wkoll. Din kienet tkun speċi ta' trabokk miftuħ: bħal gaġġa kemmxejn tawwalija, imma li ma kienx ikollha fejn jitqiegħed l-għasfur. Madankollu kienet tkun wiesgħa biżżejjed li tidħol gabjetta fiha u tasal qishu sa żewġ terzi minn tulha. Bejn il-bieba tal-gabbjetta u l-faqqatura kienu jagħmlu l-ikel ħalli l-għasfur jidħol għalih.

Meta l-faqqatura kienet tieħu l-għasfur kien jispiċċa dritt, dritt fil-gabjetta. It-trabokka kienet tiswa ħafna biex in-nassab kien jevita xi gidma tajba minn xi wieħed taż-żebbuġ.

Bħala ikel kienu jitimgħuhom skalora u l-kubrita l-iżjed, imma anke żerriegħa tat-tadam. Għamlet ħabta din kienet tinxtara fi kwantita' mill-fabbrika tal-kunserva li kien hemm f' Ħal Qormi. Wara bidet dieħla skalora mħallta ma' żerriegħa oħra bħalma kien il-qanneb mgħolli.

Lil taż-żebbuġ, minbarra skalora u kubrita kienu jagħtuh l-għosfor[35] ukoll. Din kienet tkun żerriegħa bajdanija. Ma kienux jagħtuhielu weħidha imma erba', erba', kuljum, għax billi hija żerriegħa ħamja kien hemm min igħid li kienet taffettwalhom għajnejhom.

Kien isir ukoll ftit insib għall-għammiela tal-bejt (Fig. 16) u l-għammiel tas-siġar.

L-aktar li kien isir insib għall-għammiela kien fi żmien il-ħsad tal-qamħ billi għall-bdiewa u l-gabillotti dan l-għasfur minn dejjem kien wieħed mill-iprem ħallelin. Biss, l-insib għalih ma kienx limitat bl-istaġun, anzi kien isir is-sena kollha, u kultant anke mit-tfal.

L-ewwel li kienu jagħmlu kien li jippreparawlu ħawt żgħir bi ftit ilma fih u xi frak tal-ħobż mad-dawra fuq xi biċċa njama ċatta. L-għammiela dan kienu jidrawh malajr u billi mdorrijin igħixu qrib il-bniedem u għandhom il-ħabta li jissograw ħafna għall-ikel, kienu jibdew ġejjin u sejrin għall-frak u anke biex jjixorbu jew jinħaslu fil-ħawt, bla ma jobsru x'kien qed jitlesta għalihom.



Fig. 15. It-trabokk tal-kampnar b'żewġt ixbieki. ġ E. Bonanno.



Fig. 16. L-Għammiel tal-Bejt bil-mara fil-bejta. ġ **E. Bonanno.**

kien iħalli ftit taż-żmien igħaddi u malli l-ħawt u l-injama kienu jkunu ndraw sewwa, tant li numru ġmielu t'għasafar iżiruhom kuljum, fl-istess post kien jarma nassa b'xibka titla minn naħa waħda biss. Din in-nassa kienet tkun tixbaħ ħafna dik tal-ġrieden, imma ovvjament kienet tkun wisq akbar. Fuq in-nassa kien jerġa' jpoġġi l-ħawt ta' l-ilma u l-frak tal-ħobż.

Il-mekkaniżmu tan-nassa kien jitħaddem bi spaga rqiqa twil u marbuta magħha li setgħet tinġibed mill-bogħod. Spiss in-nassa kienet titqiegħed meta l-għammiela kienu jkunu reqdin.

Billi l-molla tan-nassa kienu jagħmluha kemmxejn iebsa, l-anqas taħrika ta' l-ispaga kienet iġġiegħel in-nassa tfaqqa' u x-xibka taqleb f'radda ta' salib, bl-għasafar jispiċċaw kollha maqbudin taħt ix-xibka. Jekk xi wħud kien jinzertaw fil-passaġġ tal-fidiferruwa li taqleb ix-xibka aktarx li dawn kienu jispiċċaw ħażin ħafna għax bid-daqqa spiss kienu jibqgħu tal-post, u kultant anke bla ras.

Kien hemm anke min kien jisraq il-frieħ mill-bejtiet fil-ventelaturi u jużahom bħala taħrika. Lil dawn kienu jorbtuhom ma' l-injama qrib il-ħawt ta' l-ilma ħalli l-kbar kienu jinżlu jżoqquhom.

Din it-tip ta' nassa kienet tintuża anke fl-għelieqi biex barra li jitnaqqsu l-għasafar li jnaqqru żerriegħa, kienu jinqabdu għall-ikel huma wkoll.

Wara li kienu jaqsmuhom, ineħħulhom l-imsaren u r-ras, u l-ġilda bir-rix b'kollox, l-għammiela kienu jissajru mixwijin. Biex kien jimla żaqqu dak li jkun ried jaqbad naqra mhux ħażin, għalhekk, ħafna minn dawk li kienu jonsbuhom kienu jżommuhom fil-gaġeġ sakemm ikollhom numru ġmielu.

L-aħħar tip ta' nsib li ser insemmi hu dak bil-pala tal-bajtar għall-bilbla. Il-bilbla hija għasfur tal-passa tar-rebbiegħa u għandha għanja u titjira tassew ħelwa.

Billi l-bilbla tbejjet ma' l-art, l-insib tagħhom kien jibda malli xi dilettant kien jimmarka l-bejta jew fix-xagħri, jew taħt ix-xewk, l-għollieq jew xi xitel ieħor baxx.

Għan-nasba, pala tal-bajtar ċatta kienet tkun misluħa mix-xewk b'ġebla. Wara kienet titpoġġa mmejla, qisha tinda fuq il-bejta tal-bilbla. Il-parti l-għolja kienet tinżamm milli taqa' b'biċċa qasba rqiqa mserrħa ma' tarf il-bejta. Malli l-omm kienet tinżel f'bejtietha u tibda tagħti ħalli twarrab il-qasba, kif din kienet tisbilanċjaha, kienet twaqqa' l-pala għal fuqha hi stess u tinqabad taħtha. Minn hemm kienet tispiċċa dritt għal ġo xi gaġġa – addio bajt u l-bejta ! Ma kienux jinħlew l-anqas għax f'kemm ili ngħidlek kien isibilhom tarfhom jew xi ġurdien jew xi serp.

**L-Insib, Il-kaċċa u l-irjieħat:**

Wieħed ma jistax ikun li jsemmi l-kaċċa u l-insib bla ma jsemmi l-irjieħat ukoll (Fig. 11). Il-passa ta' l-għasafar tiddependi ħafna fuq it-temp u għalhekk missirijietna kienu tgħallmu jgħarfu l-irjieħat u jinterpretawhom sewwa.

Kienu jagħtu daqqa t'għajn sewwa lejn is-sema ħalli jaraw l-isħab kienx ikun 'pastarda', 'inkwina', 'impenzel' jew 'dahar il-fekruna'. Kienu jaraw minn fejn kien ikun ġej u 'l fejn kien ikun sejjer, u malajr kienu joħorġulek bi tbassira eżatta dwar x'kien ser ikun it-temp dak inhar.

Meta fis-sema filgħaxija kienu jixirfu kwiekeb biss, u l-għada anqas għajbura waħda ma kienet tfiġġ, titwila lejn l-għelieqi tal-qamħ jew is-silla, jew ix-xitel tal-papoċċi li jikbru slavaġ ma' l-għorof u l-apramorti, kienet tkun biżżejjed biex kienu jaraw l-andament tar-riħ. Il-faxxina mitluqa jew titmewweġ maż-żiffa kienet tinqara qisha ktieb.

Fejn jidħol il-gamiem, ħafna nassaba kienu jgħidu li passa tajba spiss kienet tasal għall-ħabta ta' San Ġorġ, Santu Kruċ u għall-ħabta ta' San Filep.[36] Dan kien jiġri l-aktar meta kien jisbaħ b'xi Grigal bl-irxiex.

Il-kaċċaturi u n-nassaba kienu jistennew bi ħġarhom xita bir-riħ isfel għax spiss kienet taqla' passa gwappa.

L-aktar irjieħat imfittxija għall-gamiem u għas-summien kienu x-Xlokk u l-Lbiċ, tant li kienu joħolqu movement sħiħ qalb in-nassaba, u aktar u aktar qalb il-kaċċaturi.

Meta kien jonfoħ Xlokk, bosta kienu jerħulha għal fuq id-Dahar u l-inħawi taċ-¬irkewwa. Kont tara xebgħa skariġġ fl-inħawi tal-Ponta tax-Xriek, fuq Il-Qawwi, l-Aħrax ta' l-Għajn, f'Wied Musa, l-Għar Abjad u l-Latnija. Bir-riħ isfel kienu jiġbdu aktar 'il fuq lejn l-Aħrax ta' l-Għajn, ħdejn iċ-¬irkewwa.

Bir-riħ Xlokk, il-gamiem kien ikun fiħ dehra mill-isbaħ għaddej fil-għoli minn fuq id-Dahar, jibqa' sejjer għal fuq il-fliegu u wara li jitbaxxa jerġa' lura biex jimraħ u jinfirex mal-ġnub ta' Wied Musa għal fuq il-Qammieħ.

Meta kien jonfoħ mill-Punent jew mil-Lbiċ, il-kaċċaturi kienu jerħulha għall-witja ta' l-Għarmier, għal taħt il-Ħbula ta' l-Aħrax ta' Ġewwa, għax-Xagħra s-Sewda u għax-Xagħra tal-Merħliet. Anke meta kien ikun il-bnazzi, bosta kienu jersqu lejn dawn l-inħawi u kien hemm anke min jersaq lejn Selmun. Kienu jaqbdu erba' summieniet tajba f'dawk il-kondizzjonijiet.

Minn naħa l-oħra, kultant anke fil-Majjistral kien ikun hemm min jiltaqa' ma' xi passa tas-summien. Ġużeppi *s-Slambi* kien jitlaq għas-summien lejn ix-Xewkija meta kien jisbaħ bil-Majjistral u qabdiet ta' 'l fuq minn mija kien jagħmilhom minn hemm ukoll.

Meta kien ikun Grigal qawwi kont issib min jintasab fl-inħawi ta' Għar Abjad.

Waqt xi Grigalata spiss kont tara l-borok jaqsmu mil-Lvant għall-Punent. Ħafna kienu jsorġu fl-Għadira ta' ġewwa għal ftit mistrieħ. L-għadira ta' l-ilma ħelu, fejn illum hemm ir-riserva naturali bl-ilma salmastru, kienet irriservatha għal min seta' jħallas, u għalhekk, il-kaċċaturi Mellieħin ma setgħux jersqu lejha.

Bir-riħ sħun minn Nofs in-Nhar kont issib minn kien jirnexxilu jara u jwaqqa' xi isqra u spanjuletti.

Ta' min igħid li anke n-nassaba kienu joqogħdu b'sebgħa għajnejn għall-irjieħat tant li l-biċċa l-kbira minnhom kien ikollhom aktar minn mansab wieħed, u kollha armati skond l-irjieħat. Dan għaliex huma ma setgħux jiċċaqalqu minn post għall-ieħor bħall-kaċċaturi.

Biex insemmu żewġ eżempji; Salvu *n-Naqru* kellu żewġt imnasab għall-gamiem. Wieħed kien qiegħed fuq ix-xagħri ta' Pennellu u kien jonsbu bir-riħ fuq u bil-Grigal ħafif, waqt li l-ieħor kien fuq Rdum id-Delli u kien jonsbu bir-riħ isfel u bil-Grigal qawwi.

Ġużeppi *ċ-¬imċem* kellu tlitt imnasab, wieħed tar-riħ fuq li kienu jgħidulu tal-Ħarq, ieħor fuq tas-Sellum u l-ieħor igħidulu tar-riħ isfel.

Dak tar-riħ fuq, tal-Ħarq, kien wisq għal qalbu. Ġużeppi kien magħruf ħafna għall-qbid tal-gamiem minn fuq dal-mansab. L-ieħor li kien jonsbu bir-riħ isfel kien aktar fil-baxx u jħares fuq il-bajja ta' l-Għadira.

Bosta nassaba kkummentaw li s-summien ta' Settembru jagħti passa tajba għall-ħabta tal-Vitorja. Biex jidħol kien ikun irid riħ Nofs in-Nhar qawwi jew ix-Xlokk. Kienu joqogħdu attenti sewwa għax meta x-Xlokk kien ikun bl-irxiex, is-summien kien jibqa' dieħel 'il ġewwa fuq l-art; jekk le, kien iżomm aktar lejn ix-xtut.

Is-summien kien ipassi billi jtir mar-riħ. Imbagħad kien idur malli jersaq qrib l-art u jibda nieżel kontra r-riħ. Filgħaxija kien jerġa' jibda triqtu u jitlaq qtajja, qtajja. Il-kaċċaturi u n-nassaba kienu jkunu għassa għal dal-moviment ħalli kienu jaraw fejn kienu ser jikkaċċjaw jew jifirxulux ix-xbieki bill-f'Settembru ġieli qabduh bix-xibka wkoll.

Għall-aħħar ta' Novembru kien jidħol is-summien li kien jintasab fil-ħaxix. Hawnhekk kienet trid tkun f'tagħha l-mira tal-kaċċatur u l-kapaċita' tal-klieb tiegħu ħalli jisbu t-tajr, jtajjruh u l-kaċċatur jispara fuqu.

Wara dan kien jasal is-summien tan-namra, dak tal-mezzu temp, u miegħu jiġi



Fig. 17. Il-fenek selvaġġ Malti
© Mark Anthony Vella.

wkoll il-beċċun imfarfar. Kienu jpassu l-iżjed minn dħul Marzu sa nofs Mejju. Dan kien l-aktar summien li jinqabad bix-xibka minħabba li kien ikun fi żmien it-tgħammir.

Ma' l-għabex, in-nassaba kienu jibdew jagħmlu għalih bix-xibka, bil-kirjolin u bis-sfafar tat-tfaqqigħ, billi s-summienu l-aktar li jfaqqa' huwa kif tibda nieżla x-xemx.

Fejn in-nassab kien ikerkirlu bil-kirjolin kien jinżel is-summienu għax jippretendi li ser isib il-mara. Bis-suffara tat-tfaqqigħ kienu jersqu t-tnejn; is-summienu biex jisfida kull raġel ieħor, u s-summiena biex titgħammar. Is-summienu jkerker ukoll imma l-mara ma tfaqqax.

Bejn Ottubru u l-Milied bosta kaċċaturi kienu jagħmlu kemm il-mil ħalli jtajjru xi gallina. L-aħjar irjieħat għal din it-tajra kienu l-Grigal u t-Tramuntana, u tant l-aħjar jekk l-arja tkun kiesħa.

Anke l-imnasab għall-għasafar ta' l-għana kellhom l-ippjanar tagħhom. Billi l-passa ta' dawn it-tip t'għasafar tinżel l-iżjed lejn gżiritna mit-Tramuntana, allura kont issib imnasab irranġat b'mod li jħarsu dritt lejn dak ir-riħ.

**Il-Kaċċa għall-fenek salvaġġ:**

Kaċċa li l-Melliħin ma kien jirbħilhom ħadd għaliha kienet dik tal-fenek selvaġġ (Fig. 17.) Din il-kaċċa kienet taqa' taħt żewġ forom, jew bil-mixirfa jonkella bix-xbieki u n-nemes. Ma nistgħux ma nsemmux li għal xi żmien kienu ppruvaw idaħlu wkoll l-użu tan-nases tas-snin.

L-aħjar żmien għall-fenek salvaġġ kien ikun minn Ġunju sa Diċembru billi f'dak iż-żmien iż-żrameġ kienu jkunu laħqu kibru. Il-kaċċa għall-fenek bil-mixirfa kienet issir jew mas-sebħ filgħodu jew filgħaxija għad-dawl tal-qamar u kienet addatata għall-irdajjem. Il-kaċċatur kien irid ikun jaf minn qabel l-inħawi fejn ikun hemm il-fenek u dan l-aktar li kien jinduna kien bil-preżenza tar-redus tiegħu.

Il-fenek qatt ma jħammeġ eżatt ħdejn il-bejta tiegħu imma ftit il-bogħod u għalhekk, il-ħmieġ kien juri li l-fenek jinsab fil-qrib. Hemm, il-kaċċatur kien jagħżel post fl-irdum fuq fejn ikun ra r-redus frisk, u bis-senter f'idu kien joqgħod jistenna xi wieħed joħroġ jirgħa. Kif jilmħu u kien jara li kien ikun għat-tir kien ibattal l-iskartoċċ fuqu.

Il-kaċċa mill-irdajjem kienet titlob li l-kaċċatur jagħmel kollox bil-galbu biex



Fig. 18. Nassa tas-snien tat-tip ta' l-Awstralja
© E. Bonanno.

ikollu suċċess u la jweġġa' hu, la l-klieb li kien ikollu miegħu u l-anqas jitlef il-fniek.

Għall-galbu kienu jfittxu l-bajjad fuq l-irdajjem; biċċa roqgħa blat bajda biex jisparaw minn fuqha għal isfel. Kulħadd kien iżomm l-imxaref tiegħu ħalli ma jinqalax inkwiet.

L-inħawi ta' Rdum il-Ħmar, Rdum il-Qammieħ, Rdum il-Qawwi, Qasam Barrani u Għar l-Abjad kollha kienu mfittxija sewwa għall-mixirfa.

Fi Rdum il-Qawwi għadhom jinstabu l-imxaref li Ġużeppi *s-Slambi* kien jirranġa għalih. *Is-Slambi*, li kien kaċċatur tal-prima klassi, kien anke jibni bħal dura żgħira fuq l-imxaref tiegħu biex bla ma kien ikun jidher minn isfel kien ikun jista' jispara fuq il-fniek jiskariġġaw taħtu.

Fatt interessanti dwar *is-Slambi* kien li biex kien ikun jista' jaħdem fid-dlam, kien jagħmel faxxa bajda ma' tarf il-kanna tas-senter. Hekk kien ikun jista' juża l-bjuda tagħha għall-mira. Dak ħażen! Imbagħad kont issib min igħid li l-Melliħin kienu "ta' wara l-muntanji !"

Lejn nofs is-seklu li għadda kien hemm min ipprova jintroduċi n-nases tas-snien għall-kaċċa tal-fenek; dawk imsejjħa nases ta' l-Awstralja (Fig. 18.) Kienu jaħdmu fuq sistema simili għal tan-nases tal-molla li nużaw għall-ġrieden, b'differenza li l-molla kient tkun wisq aktar b'saħħitha fl-għeluq tas-snien. Is-snien kienu jagħlqu fin-nofs bħall-imnasab moderni.

Dawn kienu jintramaw qrib it-toqob tal-fenek meta nassaba kienu jkunu jafu bihom, jonkella ftit il-bogħod mir-redus frisk ħalli l-lixka tiġbidlu l-attenzjoni. Kienu jorbtuhom ma' l-art mit-toqba tat-tarf id-dejjaq b'biċċa katina rqiqa jew isammruhom b'musmar twil biex il-fenek ma jkunx jista' jgerrem l-irbit u jkaxkarha. B'hekk la kienu jitilfu l-fenek u l-anqas in-nassa. Biex ma kienux jagħtu fil-għajn kienu jgħattuhom bi ftit ħaxix niexef. Billi l-kaċċaturi u n-nassaba kienu numerużi iżjed fl-imgħoddi, dawn in-nases ma kienux jitħallew weħidhom, kemm biex ma jinsterqulhomx u kemm biex ma jweġġa' ħadd.

Kien hemm diversi daqsijiet ippruvati ta' dawn in-nases, imma s-suċċess kien żgħir ħafna li malajr inqatgħu. Kif ikkumenta Ġammri *l-Blacky* "Hawn ma ħadmitx ħafna għax il-fenek t'hawn *smart* !! "

L-aħħar tip ta' kaċċa għall-fenek li ser naraw hija dik bin-nemes u bil-kelb tal-fenek (Fig. 19). Bla dubju, din kienet l-aktar tip ta' kaċċa li titlob sagrifiċċju għax kienet trid dedikazzjoni u mpenn tul is-sena kollha. Għad li l-kaċċa kienet issir minn Ġunja sa Diċembru, il-preparamenti kienu jibdewhom minn wisq qabel.

L-għażla ta' fejn kienet issir din it-tip ta' kaċċa kienet taqa' fuq ix-xagħri u l-wita. Meta wieħed jara dak il-blat kollu tax-xagħri, kien jibqa' mistagħġeb kif il-klieb tal-fenek użati kienu jkunu kappaċi jiġru f'dak l-ambjent tant aħrax mingħajr ma jitfarrku, speċjalment waqt kaċċa bil-lejl.

Għal dan ix-xogħol kienu jibdew irawmu l-ġriewi tal-kelb tal-fenek sa minn kmieni ħalli jdarruhom jiġru u jagħrfu l-





Fig. 19. (Fuq) Kelba tal-fenek, u (taħt) in-nemes, użati għall-kaċċa tal-fenek selvaġġ.
© E. Bonanno.

mossi tal-fenek. Għalhekk, kienu joħduhom magħhom u jitilquhom mal-kbar biex jinkuraġġuhom ifittxu xi żarmuġ u



Fig. 20. Kaċċaturi bil-klieb tal-fenek u bix-xbiek armat. (Ritratt ta' kaċċaturi Għawdxin fuq l-Għolja ta' Gelmus) © Ġ. Cremona, Għawdex.

jġibuh lura wkoll. Dejjem skond il-ħeġġa tas-sid u l-kapaċita' tal-ġriewi, it-tagħlim kien jieħu madwar sentejn biex jitrawwmu bil-ħila li suppost, għar-raġuni li dawn huma klieb ta' rashom iebsa u mhux li jobbdu kif ġieb u laħaq.

Wara dan iż-żmien kollu, kien jibda t-taħriġ għad-dawrien tal-fenek binhar. Billi binhar il-fenek ikun mistoħbi, dan kien ikun xogħol mill-aktar iebes imma kien iservi t'esperjenza tajba ħafna għal dak ta' bil-lejl. Hekk il-klieb kienu jidraw sewwa t-tip t'art li kien ikollhom jikkaċċjaw fuqha.

Minkejja li anke fit-trobbija tiegħu il-kelb tal-fenek huwa aktar ta' biċċa wġiegħ ta' ras minn klieb tal-kaċċa oħra, ħafna mill-Melliħin xorta kienu jżommu numru ta' klieb tal-fenek għal dan ix-xogħol, għax ngħiduha kif inhi, ebda razza oħra m'hi kapaċi għall-istrapazz involut f'dit-tip ta' kaċċa kif inhu kapaċi hu. Par klieb li jaħdmu flimkien kienu jissejħu 'miżżewġin'.

Il-preparamenti kienu jinvolvu wkoll li jgħallmu xi nemes ħalli sa żmien il-kaċċa jkun kappaċi jidħol u jaqla' l-fenek. Billi n-nemes huwa animal karnivoru, min kien irabbih kien irid joqgħod attent ħafna kif jimmaniġġjah. Armat bi njieb u dwiefer twal u jaqtgħu daqs xafra, in-nemes ikollu armi tajbin ħafna, u allura n-nassab kien irid jiqgħod attent li ma kienx jispiċċa hu l-vittma minflok il-fenek.

Malli n-nassab kien jasal fl-inħawi fejn kien ser jikkaċċja kien jitlaq il-klieb u huma jibdew il-kurriera. Il-kurriera hija l-ġirja tagħhom 'l hemm u 'l hawn sa ma jsibu l-fenek. Fl-istess waqt kienu jagħmlu tip ta' nbieħ biex b'hekk jgħarrfu lil xulxin fejn ikunu qegħdin, speċjalment jekk id-dawrien kien ikun qed isir fid-dlam.

Kif kienu jintelqu l-klieb dawn kienu jibdew ifittxu xi fenek jew ir-riħa tiegħu billi jaħdmu kontra riħ ħalli hu ma jxommhomx resqin lejh. Xi klieb kellhom id-drawwa li joqogħdu jitmiegħeku fl-art u ġieli anke fir-redus tal-fniek stess. B'hekk ir-riħa tagħhom ma kienetx tinqabad faċilment.

Malli kienu jsibu xi fenek mistoħbi u ma kienux ikunu jistgħu jilħquh kienu jibdew jinbħu b'mod differenti minn tal-kurriera. Għal dak is-sinjal in-nassab kien jarma x-xbieki madwar il-moħba tal-fenek. Ix-xibka kienu jarmawha wieqfa u jżommuha sewwa ma' l-art billi jgħabbuha bil-ġebel u l-ħamrija, ħalli l-fenek ma jsibx minn fejn jiżgiċċa fil-ħarba tiegħu (Fig. 20).

In-nassab kien joqgħod attent li x-xbieki ma jistirahomx, anzi kien iħallihom mitluqin ħalli jekk il-fenek joħroġ jiġri mit-toqba jitfixkel fihom u jsibha bi tqila li jinqala' minnhom.

Malli xbieki jkunu tpoġġew quddiem it-toqba tal-moħba u quddiem kull xaqq ieħor li jkun hemm fil-qrib, in-nassab kien isarram in-nemes li sadattant kien ikun miżmum ġo qafas tal-qasab imsejjaħ il-garżella.[37]

Li kien jagħmel in-nassab hu li jagħmel sarima ma' ħalq in-nemes billi jdawwarlu ħajta rqiqa miegħu ħalli ma jkunx jista' jigdem 'il-fenek. M'għonqu n-nemes kien jorbotlu ġolġol ukoll.

Il-ġolġol kien iservi biex il-klieb ikunu jafu fejn ikun wasal in-nemes taħt l-art u joqogħdu għassa għal kull movement tiegħu ħalli jkunu pronti x'ħin il-fenek joħroġ mill-moħba.

Is-sarima madwar ħalq in-nemes kienet bżonnjuża ħafna għax ġieli fejn ma ntużatx, in-nemes kien joqtol il-fenek fil-moħba. Hemm taħt kien iċarratlu żaqqu, jikollu fwiedu u jentefa' jorqod ħdejn il-ġisem imbiċċer tal-fenek mejjet. Hemm kont tħoll xharek u ġġib iż-żejt għax in-nassab kien jieħu biċċa xogħol ġmielha biex jaqla' l-ġebel u l-ħamrija ħalli jerġa' jaqbad in-nemes u jieħu li jkun fadal mill-fenek. Ma rridx inkun naf x'seta kien jintqal dak il-ħin !

Ħafna min-nassaba ta' l-imgħoddi kienu tal-fehma li n-nemes jixroblu demmu 'l-fenek jekk jigdmu.

In-nemes imsarram kien jitqiegħed fil-bokka tal-moħba u jitħalla jidħol ġewwa. Billi l-fenek jitwaħħax minn nemes, malli jiġu wiċċ imbwiċċ, il-fenek kien jagħmel ħiltu kollha biex joħroġ jiġri 'l barra mit-toqba. Veru li kien joħroġ, imma ħafna drabi mhux qabel ma jkun dabbar xi girfa tajba mingħand in-nemes. Il-ħoss tal-ġolġol u t-twerżieq ħiereġ mit-toqba qabel ma jfiġġ il-fenek kienu juru x'kien ikun għaddej fid-dlam ta' taħt il-blat.

Hekk kif il-fenek joħroġ jiġri mifxul u mbellaħ, u kien isib ruħu fil-laxk tax-xibka, kien jagħtih ferħ ta' ġenn. Kien jagħmel ħiltu kollha biex jipprova jaħrab minn dak ix-xkiel. Biss, aktar ma kien jibda jitħabat, aktar kien jispiċċa jitħabbel u jitgħaqqad fix-xibka. It-twerżieq tiegħu, kważi jingħi, kien jixhed il-biża' li kien jaħkmu. Fil-pront kien jirċievi gidma tajba mingħand xi wieħed mill-klieb u malli l-kelb kien ixenglu tnejn sewwa, jekk ma kienx ikun diġa miet mal-gidma, kien joqtlu dak il-ħin għax kien jiksirlu l-ġewża t'għonqu. Hemm kien jerġa' jaqa' s-skiet. Dawk kienu jkunu l-aħħar ġirja u għajta tal-fenek qabel mewtu; mewta bl-anqas tbatija possibbli. Kien jinqala' mix-xibka mitluq u bla ħajja biex jintefa' fl-ixkora tan-nassab.

Il-klieb tant kienu jkunu għassa għal kull movement tal-fenek li mhux l-ewwel darba li l-fenek kien jinħataf fil-ġirja tiegħu qabel ma jmiss max-xibka.

In-nemes kien joħroġ ftit wara. Il-klieb kienu jirrispettawh u ma jmissuhx, għax inkella kienu jispiċċaw ħażin ma' dufrejh.

Xi drabi, meta l-fenek kien joħroġ jiġri mill-moħba, kien idur fl-aħħar mument u jiżgiċċa mill-qabda tax-xbieki, imma xorta ma tantx kien idum igawdiha l-liberta' għax jekk mhux ħalq xi kelb kien isib iċ-ċomb tal-kaċċatur itir għal warajh. Hawn il-kaċċatur kien joqgħod b'sebgħa għajnejn li ma jmurx jolqot lil xi wieħed mill-klieb tiegħu, għalkemm dan ġieli ġara wkoll.

In-nemes kien jerġa' jinġabar u jitpoġġa fil-garżella. Ix-xbiek jinħatt u

jlestu għal kurriera oħra.

Ta' sikwit, il-klieb kienu jiġru wara xi fenek u jaqbduh qabel ma kien isib fejn jidħol. Ma kienetx ħaġa rari li qabel ma jaħtaf 'il-fenek, il-kelb ta' fuq quddiem kien jagħtih gambetta biex itellfu fil-ġirja sfrenata tiegħu. Hekk kien ikun aktar faċli għal xi wieħed mill-klieb li jaħtfu qabel ma kien jerġa' jiġi f'tiegħu u jerġa' jitlaq jiġri b'kemm kien ikollu saħħa.

Bejn qabda u oħra kien ikun irid igħaddi ftit tal-ħin għax l-imbiegħ tal-klieb kien bħal ikun ħasad u avża l-fniek l-oħra. Imma billi l-fniek huma annimali kurjużi, allura malajr kienu jwarrbu l-prudenza u jerġgħu jikxfu l-preżenza tagħhom bir-ragħa.

Billi n-nimsa ma kontx issibhom jiġġerrew barra, imma kont trid tixtrihom jew tiddubbahom, il-kaċċaturi kienu jieħdu ħsiebhom sewwa. Biex iżommuh ħaj kienu jitimgħuh il-bajd iebes, ħobż bil-ħalib, xi għasfur jew xi biċċa laħam ukoll.

Illum l-għadd ta' fniek li jinqabdu huwa żgħir wisq ħdejn ta' qabel. Kaċċati ta' xi għoxrin jew tletin ras f'lejl wieħed ma kienux affarijiet ta' barra min hawn dak iż-żmien.

Tnejn mill-ħafna nassaba li baqgħu jissemmew għal din it-tip ta' kaċċa kienu Ġanni Grima, *id-Duda* u Karmnu Grima, *it-Trux*.

Kaċċa fuq il-Gżejjer ta' San Pawl mhux suppost li kienet issir billi dawn kienu riservati għal ċertu Sant Cassia. Jingħad li dan Sant Cassia ma kienx raġel ħażin imma kien jagħmel ferm għall-kaċċa hu wkoll, u billi kellu dar f'San Pawl il-baħar, matul il-jum spiss kien jagħti titwila bit-tromba għal fuq il-gżejjer. Kien jinkedd wisq malli kien jaqbad lil xi ħadd hemm.

Minkejja din l-għassa kollha, kaċċa bil-kutrabandu fis-satra tal-lejl kienet issir ukoll fuq il-gżejjer. Ta' sikwit kont issib min kien jaqbad xi qoxra tal-baħr u jerħilha għall-gżejjer minn naħa ta' Selmun u hemm kienu jagħmlu kaċċata fniek minn fuq dahar 'is-sinjur.'.

Ironikament, fl-1824, il-Gvernatur ta' Malta, il-Ġeneral Francis Rowdon, Markiż ta' Hastings G.C., G.C.B., u li kien dilettant tal-kaċċa wkoll, qammarlu jagħmel riserva privata għalih fl-inħawi tal-Marfa. Għalaq parti mix-xagħri bil-ħitan tas-sejjieħ u telaq koċċ fniek ħalli joktru u jkollu fuq xiex jispara.

Malli l-fniek sabu dik il-liberta' kollha tgħammru kemm felħu tant li popolazzjoni splodiet f'kemm ilna ngħidu. Il-povri l-gabillotti u bdiewa ta' l-inħawi ġġennu għax il-fniek għamlulhom ħerba fl-uċuħ li kellhom billi kienu nfirxu sewwa lil hinn mill-ħitan tas-sejjieħ tar-riserva.

Minkejja l-protesti tal-Melliħin, ir-riserva baqgħet hemm u ngħalqet biss snin wara, sewwa sewwa fl-1836, imma mhux qabel ma kien diġa nqala' xebgħa nkwiet sewwa, anke bejn il-bdiewa u l-għassiesa tar-riserva.

F'każ minnhom, wara telf kbir fir-raba' li kellu minħabba dal-mniefaħ fniek, Pawlu Gauci, wieħed li kien jaħdem u joqgħod fl-inħawi, daħal fir-riserva u beda jispara fuq kull fenek li ġie taħt għajnejh. Meta l-għassies li kien imissu xogħol ra x'kien ġara ħebel li jpattihielu. Malli darba nduna li Pawlu kien illarga mir-razzett tiegħu, daħallu bil-moħbi u bi tpattija spara u qatillu l-kelb u l-qattus li kien irabbi.[38]

Sa minn żmien ilu l-gvern kien jitlob li l-kaċċaturi kienu jħallsu xi forma ta' sensja għad-delizju tagħhom.

Mill-intervisti ħareġ li s-sensji[39] kienu jvarjaw bejn lira u lira u nofs bejn l-erbgħinijiet u s-sittinijiet tas-seklu l-ieħor, u ħames xelini[40] għall-permess. Is-sensja kienet tkopri l-kaċċa għal kull ħlejqa, u kienet tgħodd għas-sena kollha. Kien hemm ħlas ieħor żgħir għall-midalja tal-klieb.

Anke dak iż-żmien kien hemm diversi li ma kienux iħallsu s-sensja. Minħabba l-kobor tal-Mellieħa u billi l-pulizija ma setgħu qatt ikunu fl-inħawi kollha fl-istess ħin, ħafna għaddewha lixxa u ma nqabdux. Sfortunatament, minħabba dan l-abbuż seħħew diversi nċidenti u dizgrazzji. Irridu ngħidu wkoll li kien hemm min inqabad, twiddeb u rranġa l-affarijiet bil-kwiet.

Billi aħna lkoll tad-demm u l-laħam, tilwim ġieli nqala' wkoll u mhux darba u tnejn kien hemm uħud li qalbu d-duri u ħarbtu l-imnasab ta' xulxin jew għamlu vendikazzjonijiet oħra.

Għassa kienet issir ukoll, speċjalment fi żmien il-passa tal-gamiem. Imma l-Malti jgħid li bil-flus tagħmel triq fil-baħar, u jidher li hekk hu għax bosta qalu li xi għassiesa ta' l-inħawi kienu jinxtraw ħafna kemm mill-Melliħin u kemm mill-barranin.

Hekk insibu li l-Melliħin kienu jħallsuhom minn buthom biex il-barranin ma jitħallewx jikkaċċjaw jew jonsbu fil-Mellieħa. L-iskuża li l-għassiesa kienu jużaw biex jaffrontaw 'il-barranin kienet li jekk ma jkollokx il-permess bil-miktub ta' sid ix-xagħri jew l-għalqa, allura ma stajtx titħalla hemm u kellek iddabbar rasek bil-kwiet u fis-sliem.

Minn naħa l-oħra, meta xi barranin bdew jitilqulhom xi ħaġa tal-flus f'idejhom, kien hemm min beda jagħlaq għajnejh, anzi jgħidilhom hu stess liema sid ma kienx qiegħed fl-inħawi u għalhekk, fejn setgħu jmorru. "Mhux kulħadd irid jiekol !" kont issib min igħidlek.

L-għassies kien ikun stazzjonat fejn in-niċċa tal-Madonna ta' bejn l-Aħrax u d-Dahar.

Għal ħafna kienet bħal ritwal li qabel ma jmorru għall-kaċċa jinżlu sal-pjazza għal dik in-naqra te' jew kafe' mal-ħbieb. Kien hemm diversi ħwienet tat-te u tax-xorb fil-pjazza, immaħafna mill-kaċċaturi kienu jintasbu fil-ħanut ta' wieħed Ġanni *ta' Kullatu.*

Anke filgħaxijiet kont issib ħafna rġiel ipaċpċu fuq iz-zuntier jew barra l-ħwienet tax-xorb waqt li jitpaxxew bit-tisfir ta' xi għasfur li jkunu qabdu jew akkwistaw. Kont tara ħafna jippassiġġaw bil-gaġeġ taħt idejhom jew oħrajn bil-gaġeġ quddiem wiċċhom, jobormu xufftejhom u jsaffru elf tisfira differenti bħallikieku qed jitkellmu ma' l-għasfur ta' ġol-gaġġa. Kien ikun fihom xena !

Igħidu li min jitwieled tond ma jmutx kwadru. Fil-fatt, bosta Melliħin ħadu n-namra tal-kaċċa u l-insib magħhom anke għall-aħħar dawra quddiem Alla l-Missier.

Waqt li kien qed jieħu l-aħħar nifs, Salvu Cutajar, *Tal-Basli* (1904-1966), għalkemm mitluf minn sensih, beda b'id waħda bħal ipejjep u bl-oħra jħarrek. Dun Vinċens, il-qassis li assistih ġabar dan il-mument f'erba' kelmiet meta nstema' jgħid: "Jien qatt ma rajt bniedem imut daqshekk kuntent !"

Ġammri Sciberras (1933-2003), anke hu minn tal-Basli, għadda għall-ħajja oħra bi ħsibijietu fuq il-mansab ukoll. Kuġinuh Ġammri *l-Blacky* qalli kif fl-aħħar mumenti ta' ħajtu waqt li kienu mdawwrin miegħu xi ħadd waqqa' l-kliem fuq il-gamiem li kien jaqbad. Innotajt għoqla fi griżmejh x'ħin għal mument reġa' sofra t-telfa ta' kuġinuh meta qalli li waqt li kien qed jiġbed l-aħħar nifs *il-Basli* bexxaq kemm kemm għajnejh u staqsihom: "Min qabad il-gamiem?" Għalaq għajnejh għall-aħħar tweġiba u tislima ħelwa ta' niesu: "Mhux inti Ġammri!"

Dawn ħutna ħallewna u f'qalbhom ħadu magħhom it-tfaqqiegħ tas-summien, it-tgergir tal-gamiem u t-tweżwiż tal-vrieden. Lil dawn u lil sħabhom kollha, O Madonna tal-Mellieħa, ħudhom fi ħdanek u agħtihom il-mistrieħ ta' dejjem.

TMIEM

**Ringrazzjamenti:**

Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil N.N. Curmi u lil Joe Aquilina ta' l-għajnuna li tawni fil-mili tal-kwestjonarji li ppreżentajtilhom għal din ir-riċerka. Lil ħatni William Caruana nixtieq nirringrazzjah talli ppermettili nieħu r-ritratti ta' xi għodda, tajr, u affarijiet oħra li kellhom x'jaqsmu mal-kaċċa. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil Edwin Vella u f'ismu

lill-*Għaqda Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti Melliħin,* talli kien tant ġentili u silifni l-ħarġiet kollha ppublikati s'issa tar-rivista "*Minn Ġod-Dura*", maħruġa mill-istess għaqda, kif ukoll tal-kuntatti li għamilli.

Ringrazzjament mill-qalb imur ukoll għal Jane Spiteri, Marilyn Vella u Alfred Grima għall-kuntatti li għamluli, kif ukoll għal Mark Anthony Vella tal-permess biex nuża r-ritratt li hu kien ħa tal-fenek selvaġġ.

Nixtieq ngħid grazzi wkoll lil Marija Vella bint Ġużeppi Gauci, *iċ-¬imċem*, lil Pietru Gauci, iben Pietru *l-Pirrex*, lil Fredu Grima, neputi ta' Karmnu *t-Trux*, lil Karmnu Grima, iben Ġanni *d-Duda*, lil Fra Kristinu Borg, M.S.S.P., iben Ġanni *tal-Qastni*, kif ukoll lil Dun Mose', iben Ġużeppi Debono, talli għoġobhom jagħtuni l-permess nippubblika r-ritratti ta' nieshom, kollha rġiel li b'mod jew b'ieħor ħallew isem fl-istorja tal-kaċċa jew l-insib fil-Mellieħa.

Nistqarr ukoll li m'għandix ilsien biex nirringrazzja lil Fra Kristinu Borg M.S.S.P, lil Ġammri Sciberras, *il-Blacky*; lil Marija Vella *taċ-¬imċem*; lil Gammri Vella, *iz-Zajna*; lil Indri Mifsud, *ta' l-Għadira*, kif ukoll 'il-familjari tagħhom kollha. Dawn mhux biss laqgħuni f'darhom, bħallikieku ilhom jafuni s-snin, imma tawni t-tagħrif kollu li tlabthom u iżjed ukoll. Għandhom għoxejt nisma' stejjer irrakkuntati b'tant żelu u sa bl-anqas dettal li llum għandi sodisfazzjon ngħid li mqar jekk għal ftit siegħat biss, almenu swejt biex dawn il-ħbieb tagħna reġgħu ġeddew il-memorji ta' żgħożithom u għal mument reġgħu esperjenzaw xi ftit mill-pjaċir ta' meta kienu jkunu fid-dura jew fix-xagħri.

Marija Vella *taċ-¬imċem* kienet strumentali għal din ir-riċerka għax żammet għandha n-noti li ħuha Ġużi kien niżżel dwar l-insib li fi ċkunitu kien għamel ma' missierhom.

Fl-aħħar, imma żgur mhux l-anqas, nixtieq nirringrazzja wkoll lil kaċċatur/nassab ieħor li xtaq li jibqa' anonimu, imma li kien providenzjali biex dawwarni fuq għadd ta' mnasab fuq id-Dahar. L-ispjega u l-kumpannija tiegħu apprezzajthom ħafna. Ringrazzjament imur ukoll għal sid il-kelba tal-fenek, Linda, li ltqajt miegħu fuq id-Dahar u tani l-permess noħdilha r-ritratt. Grazzi ħbieb.

Grazzi mill-qalb tmur ukoll għall-kumitat tal-każin tal-Banda "*Soċjeta' Filarmonika La Vittoria*" talli għal sena oħra reġa' pprovdieli dan l-ispazju, kif ukoll lis-Sur Joe Catania ta' l-għajnuna kollha minn naħa tiegħu. L-entużjażmu u l-ħeġġa tiegħu tant jittieħdu.

Irrid nieħu din l-opportunita' biex ngħid li fejn stajt daħħalt il-kliem eżatt u bid-djalett Melliehi kif intqal lili fl-intervisti li għamilt. Inħoss li wirt kulturali bħal dan m'għandux jitwarrab u jintesa, u għalhekk deherli li għandi ninkludih, jekk xejn, b'ringrazzjament tal-ko-operazzjoni li rċivejt waqt il-preparazzjoni ta' dan ix-xogħol. Id-djalett huwa tagħna biex ngħożżuh u b'ebda mod m'huwa ta' diżunur.

Nixtieq nikkummenta wkoll li l-persuni li semmejt u r-ritratti li wżajt kienu biss ta' dawk li akkwistajt u li sirt naf bihom jiena. B'ebda mod ma rrid innaqqas mill-mertu ta' dawk li ma semmejtx jew ta' min ma rnexxilix nakkwista ritratt. Lil dawn nirringrazzjahom xorta waħda.

1 i.e. bebbux.
2 Il-fniek slavaġ kienu jissejħu wkoll "il-fniek tal-liebru" u f'Għawdex "il-fniek tal-grixti."
3 (N)ational (L)ibrary of (M)alta, 1499, *Universitas* 11, F. 533.
4 Kelma li ġejja mill-Għarbi li tfisser 'bejta'.
5 Abela, G.F. (1647), *Della Descrittione di Malta*, Malta, p. 73
6 Id-dettalji li ġejjin ġbarthom kollha minn intervisti li għamilt lil għadd ta' nassaba u kaċċaturi.
7 Dan hu dak li bl-Ingliż kien jissejjaħ il-"*Flint-lock mechanism*".
8 www.19thcenturyweapons.com
9 Il-"*Percussion Cap Musket*".
10 Sa minn ċkunitu, Indri kien jonsob ħafna mas-Sur Ġuż(1900-1979) (iben il-Markiż Vincenzo Bugeja) li kellu l-mansab fuq id-Dahar u li kien magħruf kemm bħala nassab tajjeb u anke li aktarx kien hu li ntroduċa il-mansab tal-mażżri qabel ma beda l-użu tal-lastiku mal-lasti.
11 Il-*Fulminate of Silver* ("l-Iffulminat", i.e. *Silver Acetylide*), jew Ażid taċ-Ċomb (*Lead Azide*) jew Perklorat tal-Putassa (*Potassium Perchlorate*). Taħlitiet oħra kienu jintużaw ukoll.
12 Bonanno, E. *Ir-Rewwixta tal-Qassisin ta' l-1775 u l-Involviment Żebbuġi*, Każin Banda San Filep, Festa 2003.
13 F'irħula oħra kienet tissejjaħ "Drammiera".
14 1 dramm kien jiżen 3.54g.
15 i.e. "*felt.*"
16 ca. 5ċm. – 7.5ċm.
17 Biex jiġi mmanifatturat iċ-ċomb ta' l-iskrataċ tond perfett kien jeħtieġ torri għoli ta' madwar 200 pied (60 metru) bħalma kien dak f'Lambeth, L-Ingilterra, li kien mibni madwar l-1775, jew dak ta' Villach, fil-provinċja ta' Carinthia, fl-Awstrija li kien fih 349 piedi (105 metri). Minflok ċomb waħdu kien jintuża fondut ta' Ċomb u Arseniku ħalli jkun jista' jittondja aħjar u jagħqad aktar malajr. Għal ċomb kbir, dan kien jintefa' mill-aktar parti għolja tat-torri. Id-daqsijiet taċ-ċomb kienu jsiru billi l-fondut taċ-ċomb kien jitħalla jaqa' minn għeriebel tal-metall b'toqob ta' daqsijiet differenti li kienu jvarjaw minn 1/50 sa 1/360 ta' pulzier. Iċ-ċomb kien joħroġ bħala ħjut u jittondja tul il waqa'. Il-mistier kien jitlob li l-qiegħ ta' l-għeriebel kien l-ewwel jinkesa b'saff Litargu taċ-ċomb (Ossid taċ-Ċomb – Lead(II) Oxide) u wara dan kien jintefa' malajr il-fondut taċ-ċomb imdewweb. Għal aktar dettalji kif dan il-proċess kien isir madwar l-1875 il-qarrej u mistieden jaqra l-artiklu "*How Lead Shot is Made*" f'"*The Pictorial Cabinet of Marvels*", England, 1875, pp. 178 *et seq.*
18 i.e. 12c5.
19 Il-*Cordite* kien ġie vvintat fl-1889 minn James Dewar u Frederick Abel.
20 Xpakkatura twila u wiesgħa fil-blat u l-irdumijiet.
21 Komunikazzjoni personali minn N.N.
22 Sultana, J. and Gauci, Ch., "*A New Guide to the Birds of Malta*", Malta, 1982.
23 Qama tiġi 1.82 metri.
24 12c5 tal-lum. Munita tal-fidda b'diametru ta' madwar 4ċm.
25 2.095m.
26 F'Għawdex insibu li r-ruffjan ta' ġol-bejta kien jissejjaħ "Ġewbien."
27 ca. 45ċm. x 60ċm. x 45ċm.
28 ca. 1m. x 45cm. x 2.10-2.40m
29 Is-Sur Ġużeppi Bugeja, iben il-Markiż Vincenzo Bugeja ma kienx Melliehi, imma għal żmien il-passa kien jonsob fil-Mellieħa.
30 Is-sistema tal-mażżri għadha tintuża s'issa fl-inħawi taż-Żebbuġ t'Għawdex.
31 6 milleżmi.
32 i.e. sitt ħabbiet, jiġifieri 2 milleżmi.
33 F'Għawdex is-sistema tax-xbiek kienet tissejjaħ "terrieħa."
34 Dawn ma kienux l-uniċi disinni ta' trabokki li kien hawn f'Malta. F'irħula oħra rajt disinni oħra wkoll.
35 F'partijiet oħra ta' Malta l-Għosfor kien jissejjaħ "Zagħfran Tork."
36 It-23 t'April, it-3 ta' Mejju u t-12 ta' Mejju, rispettivament.
37 Il-garżella kienet tinżamm imdendla ma' spallet in-nassab. L-għamla tal-garżella tixbaħ ħafna lil dik tal-qafas tal-pedini tat-tombla.
38 Għal aktar dettalji dwar dan il-każ, il-qarrej jista' jara, Muscat, D., *Il-Mellieħa fl-Ewwel Nofs tas-Seklu Dsatax*, f' "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, Ed. Catania, J. Pubb. Kunsill Lokali Mellieħa, Malta, 2002.
39 i.e. liċenzji
40 25 centeżmu